Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2020/0279(COD)

9.12.2021

EMENDI
1589 - 2000

Abbozz ta' rapport
Tomas Tobé
(PE698.950v01-00)

Il-ġestjoni tal-ażil u tal-migrazzjoni u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill (KE) 2003/109 u r-Regolament propost (UE) XXX/XXX [Il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil]

Proposta għal regolament
(COM(2020)0610 – C9-0309/2020 – 2020/0279(COD))

Emenda 1589
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 23	***imħassar***
Applikazzjoni għal żona ta' transitu internazzjonali f'ajruport	
Fejn l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali issir fiż-żona internazzjonali ta' tranżitu ta' ajruport ta' Stat Membru minn ċittadin ta' pajjiż terz jew minn persuna mingħajr Stat, dak l-Istat Membru għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni.	

Or. en

Emenda 1590
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ***issir*** fiż-żona internazzjonali ta' tranżitu ta' ajruport ta' Stat Membru minn ċittadin ta' pajjiż terz jew minn persuna mingħajr Stat, dak l-Istat Membru għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni.	Fejn l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ***ssir*** fiż-żona internazzjonali ta' tranżitu ta' ajruport ta' Stat Membru minn ċittadin ta' pajjiż terz jew minn persuna mingħajr Stat, ***skont l-Artikolu 1(1) tal-Konvenzjoni tal-1954 dwar l-Istatus ta' Persuni Apolidi,*** dak l-Istat Membru għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni.

Or. en

Emenda 1591
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 23a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 23a
	Rilokazzjoni awtomatika
	Fejn ma jkunx possibbli li jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli f'konformità mal-kriterji f'dan il-Kapitolu, l-Istat Membru responsabbli għandu jiġi identifikat minn fost l-għaxar Stati Membri bl-inqas numri ta' applikanti meta mqabbel mas-sehem tagħhom skont il-fattur ta' referenza msemmi fl-Artikolu 54, u għandu jiġi ddeterminat permezz tal-proċedura deskritta fl-Artikolu 23b ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 1592
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 23a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 23a
	Fejn ma jkunx possibbli li jiġi ddeterminat Stat Membru responsabbli f'konformità mal-kriterji f'dan il-Kapitolu, l-Istat Membru responsabbli għandu jiġi ddeterminat skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 31a ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 1593
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 23b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 23b
	L-applikazzjoni tal-fattur ta' referenza
	1a. Fejn l-Istat Membru responsabbli ma jkunx jista' jiġi ddeterminat f'konformità mal-kriterji stabbiliti fil-Kapitolu II, l-Istat Membru determinanti għandu jikkomunika lill-applikant li l-applikazzjoni tiegħu jew tagħha għall-protezzjoni internazzjonali se tiġi eżaminata minn Stat Membru tal-allokazzjoni.
	1b. Fuq il-bażi tal-fattur ta' referenza msemmi fl-Artikolu 54, għandha tiġi ddeterminata lista ta' għaxar Stati Membri bl-inqas numru ta' applikanti meta mqabbel mas-sehem tagħhom skont dak il-fattur ta' referenza.
	1c. L-Istat Membru determinanti għandu jikkomunika l-lista msemmija fil-paragrafu 1b, flimkien ma' informazzjoni dwar l-Istati Membri fuq dik il-lista, lill-applikant. Fi żmien ħamest ijiem minn din il-komunikazzjoni, l-applikant għandu jingħata l-opportunità li jagħżel tliet Stati Membri tal-allokazzjoni f'ordni ta' preferenza fost l-Istati Membri inklużi fil-lista.
	Jekk l-applikant ma jkunx għażel Stat Membru f'konformità mal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-Istat Membru determinanti għandu jalloka l-applikant lill-Istat Membru fuq il-lista applikanti meta mqabbel mas-sehem tagħhom skont il-fattur ta' referenza msemmi fl-Artikolu 54 meta din il-lista tkun ġiet ikkumpilata f'konformità mal-paragrafu 1b ta' dan l-Artikolu.

Or. en

Emenda 1594
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 23c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 23c
	Atti delegati tal-Kummissjoni għall-mekkaniżmu awtomatizzat
	Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 68 dwar il-metodi għall-applikazzjoni awtomatika ta':
	(a) il-fattur ta' referenza fl-Artikolu 54, u
	(b) il-proċedura fl-Artikolu 23b.
	Fl-eżerċizzju tas-setgħat tagħha li tadotta atti delegati, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Aġenzija għall-Użu. Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta wkoll lill-Koordinatur ta' Rilokazzjoni tal-UE fir-rigward tal-applikazzjoni ta' dawn l-Artikoli għall-Parti IV ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 1595
Damien Carême

Proposta għal regolament
Parti III – Kapitolu III – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
III PERSUNI DIPENDENTI U KLAWSOLI DISKREZZJONALI	III PERSUNI INDIPENDENTI**,** KLAWSOLI DISKREZZJONALI ***U PROĊEDURI ĦFIEF***

Or. en

Emenda 1596
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fejn, minħabba tqala***, tarbija tat-twelid, mard serju, diżabilità severa, trawma serja jew xjuħija,*** applikant ikun jiddependi ***fuq l-assistenza*** ta' uliedu jew ġenitur legalment residenti f'wieħed mill-Istati Membri, jew fejn il-wild jew il-ġenitur tiegħu jkunu legalment residenti f'wieħed mill-Istati Membri, ikunu jiddependu mill-assistenza tal-applikant, l-Istati Membri għandhom ***normalment*** iħallu jew ilaqqgħu lill-applikant ma' dak il-wild jew ġenitur, diment li ***r-rabtiet tal-familja kienu jeżistu qabel ma l-applikant wasal fit-territorju tal-Istati Membri***, ***li l-wild*** jew il-ġenitur jew l-applikant ikun jista' jieħu ħsieb il-persuna dipendenti u li l-persuni kkonċernati jkunu esprimew ix-xewqa tagħhom bil-miktub.	1. Fejn, minħabba tqala applikant ikun jiddependi ***mill-assistenza*** ta' ***konjuġi,*** uliedu***, ħuh/oħtu*** jew ġenitur legalment residenti f'wieħed mill-Istati Membri, jew fejn ***il-konjuġi,*** il-wild***, ħuh/oħtu*** jew il-ġenitur tiegħu jkunu legalment residenti f'wieħed mill-Istati Membri, ikunu jiddependu mill-assistenza tal-applikant, l-Istati Membri għandhom iħallu jew ilaqqgħu lill-applikant ma' dak ***il-konjuġi,*** il-wild***, ħuh/oħtu*** jew ġenitur, diment li ***l-konjuġi,*** il-wild***, ħuh/oħtu*** jew il-ġenitur jew l-applikant ikun jista' jieħu ħsieb il-persuna dipendenti u li l-persuni kkonċernati jkunu esprimew ix-xewqa tagħhom bil-miktub.

Or. en

Emenda 1597
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fejn, minħabba tqala, tarbija tat-twelid, mard serju, diżabilità severa, trawma ***serja jew*** xjuħija, applikant ikun ***jiddependi fuq*** l-assistenza ta' uliedu ***jew*** ġenitur legalment residenti f'wieħed mill-	1. Fejn, minħabba tqala, tarbija tat-twelid, mard serju, diżabilità severa, trawma***,*** xjuħija, ***jew vulnerabbiltajiet psikoloġiċi u/jew fiżiċi rilevanti oħra*** applikant ikun ***jeħtieġ*** l-assistenza ta'

Istati Membri, jew fejn il-wild ***jew*** il-ġenitur tiegħu jkunu legalment residenti f'wieħed mill-Istati Membri, ikunu ***jiddependu mill-assistenza*** tal-applikant, l-Istati Membri għandhom normalment iħallu jew ilaqqgħu lill-applikant ma' dak il-wild ***jew*** ġenitur, diment li ***r-rabtiet tal-familja kienu jeżistu qabel ma l-applikant wasal fit-territorju tal-Istati Membri, li*** l-wild ***jew*** il-ġenitur jew l-applikant ikun jista' jieħu ħsieb il-persuna dipendenti u li l-persuni kkonċernati jkunu esprimew ix-xewqa tagħhom bil-miktub.	uliedu***, ħuh/oħtu,*** ġenitur***, jew in-nannu/a*** legalment residenti f'wieħed mill-Istati Membri, jew fejn il-wild***, ħuh/oħtu,*** il-ġenitur ***jew in-nannu/a*** tiegħu jkunu legalment residenti f'wieħed mill-Istati Membri, ikunu ***jeħtieġu l-assistenza*** tal-applikant, l-Istati Membri għandhom normalment iħallu jew ilaqqgħu lill-applikant ma' dak il-wild***, ħuh/oħtu,*** ġenitur, ***jew in-nannu/a*** diment li l-wild***, ħuh/oħtu,*** il-ġenitur ***jew in-nannu/a*** jew l-applikant ikun jista' jieħu ħsieb il-persuna dipendenti u li l-persuni kkonċernati jkunu esprimew ix-xewqa tagħhom bil-miktub.
	Or. en

Emenda 1598
Maria Walsh, Deirdre Clune, Seán Kelly, Frances Fitzgerald, Colm Markey

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fejn, minħabba tqala, tarbija tat-twelid, mard serju, diżabilità severa, trawma serja jew xjuħija, applikant ikun jiddependi ***fuq l-assistenza*** ta' uliedu jew ġenitur legalment residenti f'wieħed mill-Istati Membri, jew fejn il-wild jew il-ġenitur tiegħu jkunu legalment residenti f'wieħed mill-Istati Membri, ikunu jiddependu mill-assistenza tal-applikant, l-Istati Membri għandhom normalment iħallu jew ilaqqgħu lill-applikant ma' dak il-wild jew ġenitur, diment li r-rabtiet tal-familja kienu jeżistu qabel ma l-applikant wasal fit-territorju tal-Istati Membri, li l-wild jew il-ġenitur jew l-applikant ikun jista' jieħu ħsieb il-persuna dipendenti u li l-persuni kkonċernati jkunu esprimew ix-xewqa tagħhom bil-miktub.	1. Fejn, minħabba tqala, tarbija tat-twelid, mard serju, diżabilità severa, trawma serja jew xjuħija, applikant ikun jiddependi ***mill-assistenza*** ta' uliedu***, ħuh/oħtu*** jew ġenitur legalment residenti f'wieħed mill-Istati Membri, jew fejn il-wild***, ħuh/oħtu*** jew il-ġenitur tiegħu jkunu legalment residenti f'wieħed mill-Istati Membri, ikunu jiddependu mill-assistenza tal-applikant, l-Istati Membri għandhom normalment iħallu jew ilaqqgħu lill-applikant ma' dak il-wild***, ħuh/oħtu*** jew ġenitur, diment li r-rabtiet tal-familja kienu jeżistu qabel ma l-applikant wasal fit-territorju tal-Istati Membri, li l-wild***, ħuh/oħtu*** jew il-ġenitur jew l-applikant ikun jista' jieħu ħsieb il-persuna dipendenti u li l-persuni kkonċernati jkunu esprimew ix-xewqa tagħhom bil-miktub
	Or. en

Emenda 1599
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fejn***, minħabba tqala, tarbija tat-twelid, mard serju, diżabilità severa, trawma serja jew xjuħija,*** applikant ikun jiddependi ***fuq l-assistenza*** ta' uliedu jew ġenitur legalment residenti f'wieħed mill-Istati Membri, jew fejn il-wild jew il-ġenitur tiegħu jkunu legalment residenti f'wieħed mill-Istati Membri, ikunu jiddependu mill-assistenza tal-applikant, l-Istati Membri għandhom ***normalment*** iħallu jew ilaqqgħu lill-applikant ma' dak il-wild jew ġenitur, diment li r-rabtiet tal-familja kienu jeżistu qabel ma l-applikant wasal fit-territorju tal-Istati Membri, li l-wild jew il-ġenitur jew l-applikant ikun jista' jieħu ħsieb il-persuna dipendenti u li ***l-persuni*** kkonċernati jkunu esprimew ix-xewqa tagħhom bil-miktub.	1. Fejn applikant ikun jiddependi ***mill-assistenza*** ta' ***konjuġi,*** uliedu***, ħuh/oħtu*** jew ġenitur legalment residenti f'wieħed mill-Istati Membri, jew fejn ***il-konjuġi,*** il-wild***, ħuh/oħtu*** jew il-ġenitur tiegħu jkunu legalment residenti f'wieħed mill-Istati Membri, ikunu jiddependu mill-assistenza tal-applikant, l-Istati Membri għandhom iħallu jew ilaqqgħu lill-applikant ma' dak ***il-konjuġi,*** il-wild***, ħu/oħt*** jew ġenitur, diment li r-rabtiet tal-familja kienu jeżistu qabel ma l-applikant wasal fit-territorju tal-Istati Membri, li ***l-konjuġi,*** il-wild***, ħu/oħt*** jew il-ġenitur jew l-applikant ikun jista' jieħu ħsieb il-persuna dipendenti u ***wara*** li ***jkunu ġew infurmati dwar din il-possibbiltà, il-persuni*** kkonċernati jkunu esprimew ix-xewqa tagħhom bil-miktub.

Or. en

Emenda 1600
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn ikun hemm indikazzjonijiet li wild ***jew*** ġenitur ***huwa*** legalment residenti fit-territorju tal-Istat Membru fejn il-persuna dipendenti tkun preżenti, dak l-Istat Membru għandu jivverifika jekk il-wild ***jew*** il-ġenitur jistgħux jieħdu ħsieb il-	Fejn ikun hemm indikazzjonijiet li wild***, ħu/oħt,*** ġenitur ***jew in-nannu/a huma*** legalment residenti fit-territorju tal-Istat Membru fejn il-persuna dipendenti tkun preżenti, dak l-Istat Membru għandu jivverifika jekk il-wild***, ħu/oħt,*** il-ġenitur

persuna dipendenti, qabel ma jagħmlu talba biex jieħdu responsabbiltà skont l-Artikolu 29.	***jew in-nannu/a*** jistgħux jieħdu ħsieb il-persuna dipendenti, qabel ma jagħmlu talba biex jieħdu responsabbiltà skont l-Artikolu 29.

Or. en

Emenda 1601
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn ikun hemm indikazzjonijiet li wild jew ġenitur huwa legalment residenti fit-territorju tal-Istat Membru fejn il-persuna dipendenti tkun preżenti, dak l-Istat Membru għandu jivverifika jekk il-wild jew il-ġenitur jistgħux jieħdu ħsieb il-persuna dipendenti, qabel ma jagħmlu talba biex jieħdu responsabbiltà skont l-Artikolu 29.	Fejn ikun hemm indikazzjonijiet li ***konjuġi,*** wild***, ħu/oħt*** jew ġenitur huwa legalment residenti fit-territorju tal-Istat Membru fejn il-persuna dipendenti tkun preżenti, dak l-Istat Membru għandu jivverifika jekk ***il-konjuġi,*** il-wild***, ħu/oħt*** jew il-ġenitur jistgħux jieħdu ħsieb il-persuna dipendenti, qabel ma jagħmlu talba biex jieħdu responsabbiltà skont l-Artikolu 29.

Or. en

Emenda 1602
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn ikun hemm indikazzjonijiet li wild jew ġenitur huwa legalment residenti fit-territorju tal-Istat Membru fejn il-persuna dipendenti tkun preżenti, dak l-Istat Membru għandu jivverifika jekk il-wild jew il-ġenitur jistgħux jieħdu ħsieb il-persuna dipendenti, qabel ma jagħmlu talba biex jieħdu responsabbiltà skont l-	Fejn ikun hemm indikazzjonijiet li ***konjuġi,*** wild***, ħu/oħt*** jew ġenitur huwa legalment residenti fit-territorju tal-Istat Membru fejn il-persuna dipendenti tkun preżenti, dak l-Istat Membru għandu jivverifika jekk ***il-konjuġi,*** il-wild***, ħu/oħt*** jew il-ġenitur jistgħux jieħdu ħsieb il-persuna dipendenti, qabel ma jagħmlu talba

Artikolu 29.	biex jieħdu responsabbiltà skont l-Artikolu 29.

Or. en

Emenda 1603
Maria Walsh, Deirdre Clune, Seán Kelly, Frances Fitzgerald, Colm Markey

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn ikun hemm indikazzjonijiet li wild jew ġenitur huwa legalment residenti fit-territorju tal-Istat Membru fejn il-persuna dipendenti tkun preżenti, dak l-Istat Membru għandu jivverifika jekk il-wild jew il-ġenitur jistgħux jieħdu ħsieb il-persuna dipendenti, qabel ma jagħmlu talba biex jieħdu responsabbiltà skont l-Artikolu 29.	Fejn ikun hemm indikazzjonijiet li wild***, ħu/oħt*** jew ġenitur huwa legalment residenti fit-territorju tal-Istat Membru fejn il-persuna dipendenti tkun preżenti, dak l-Istat Membru għandu jivverifika jekk il-wild***, ħu/oħt*** jew il-ġenitur jistgħux jieħdu ħsieb il-persuna dipendenti, qabel ma jagħmlu talba biex jieħdu responsabbiltà skont l-Artikolu 29.

Or. en

Emenda 1604
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fejn il-wild jew il-ġenitur imsemmi fil-paragrafu 1, ikun legalment residenti fi Stat Membru ieħor li ma jkunx dak fejn l-applikant ikun preżenti, l-Istat Membru responsabbli għandu jkun dak fejn il-wild jew il-ġenitur ikun legalment residenti sakemm is-saħħa tal-applikant ma żżommux milli jivjaġġa lejn dak l-Istat Membru għal perjodu ta' żmien ***sinfikanti***. F'każ bħal dan, l-Istat Membru responsabbli għandu jkun dak fejn l-applikant ikun preżenti. ***Dak l-Istat***	2. Fejn ***il-konjuġi,*** il-wild***, ħu/oħt*** jew il-ġenitur imsemmi fil-paragrafu 1, ikun legalment residenti fi Stat Membru ieħor li ma jkunx dak fejn l-applikant ikun preżenti, l-Istat Membru responsabbli għandu jkun dak fejn ***il-konjuġi,*** il-wild***, ħu/oħt*** jew il-ġenitur ikun legalment residenti sakemm is-saħħa tal-applikant ma żżommux milli jivjaġġa lejn dak l-Istat Membru għal perjodu ta' żmien ***sinifikanti.*** F'każ bħal dan, l-Istat Membru responsabbli għandu jkun dak fejn l-

Membru ma għandux ikun soġġett għall-obbligu li jġib il-wild jew il-ġenitur tal-applikant fit-territorju tiegħu.	applikant ikun preżenti.

Or. en

Emenda 1605
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fejn il-wild jew il-ġenitur imsemmi fil-paragrafu 1, ikun legalment residenti fi Stat Membru ieħor li ma jkunx dak fejn l-applikant ikun preżenti, l-Istat Membru responsabbli għandu jkun dak fejn il-wild jew il-ġenitur ikun legalment residenti sakemm is-saħħa tal-applikant ma żżommux milli jivjaġġa lejn dak l-Istat Membru għal perjodu ta' żmien ***sinfikanti***. F'każ bħal dan, l-Istat Membru responsabbli għandu jkun dak fejn l-applikant ikun preżenti. Dak l-Istat Membru ma għandux ikun soġġett għall-obbligu li jġib il-wild jew il-ġenitur tal-applikant fit-territorju tiegħu.	2. Fejn ***il-konjuġi,*** il-wild***, ħu/oħt*** jew il-ġenitur imsemmi fil-paragrafu 1, ikun legalment residenti fi Stat Membru ieħor li ma jkunx dak fejn l-applikant ikun preżenti, l-Istat Membru responsabbli għandu jkun dak fejn ***il-konjuġi,*** il-wild***, ħu/oħt*** jew il-ġenitur ikun legalment residenti sakemm is-saħħa tal-applikant ma żżommux milli jivjaġġa lejn dak l-Istat Membru għal perjodu ta' żmien ***sinifikanti***. F'każ bħal dan, l-Istat Membru responsabbli għandu jkun dak fejn l-applikant ikun preżenti. Dak l-Istat Membru ma għandux ikun soġġett għall-obbligu li jġib il-wild***, ħu/oħt*** jew il-ġenitur tal-applikant fit-territorju tiegħu.

Or. en

Emenda 1606
Maria Walsh, Deirdre Clune, Seán Kelly, Frances Fitzgerald, Colm Markey

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fejn il-wild jew il-ġenitur imsemmi fil-paragrafu 1, ikun legalment residenti fi Stat Membru ieħor li ma jkunx dak fejn l-	2. Fejn il-wild***, ħu/oħt*** jew il-ġenitur imsemmi fil-paragrafu 1, ikun legalment residenti fi Stat Membru ieħor li ma jkunx

applikant ikun preżenti, l-Istat Membru responsabbli għandu jkun dak fejn il-wild jew il-ġenitur ikun legalment residenti sakemm is-saħħa tal-applikant ma żżommux milli jivjaġġa lejn dak l-Istat Membru għal perjodu ta' żmien ***sinfikanti***. F'każ bħal dan, l-Istat Membru responsabbli għandu jkun dak fejn l-applikant ikun preżenti. Dak l-Istat Membru ma għandux ikun soġġett għall-obbligu li jġib il-wild jew il-ġenitur tal-applikant fit-territorju tiegħu.	dak fejn l-applikant ikun preżenti, l-Istat Membru responsabbli għandu jkun dak fejn il-wild***, ħu/oħt*** jew il-ġenitur ikun legalment residenti sakemm is-saħħa tal-applikant ma żżommux milli jivjaġġa lejn dak l-Istat Membru għal perjodu ta' żmien ***sinifikanti***. F'każ bħal dan, l-Istat Membru responsabbli għandu jkun dak fejn l-applikant ikun preżenti. Dak l-Istat Membru m'għandux ikun soġġett għall-obbligu li jġib il-wild***, ħu/oħt*** jew ġenitur tal-applikant fit-territorju tiegħu.

Or. en

Emenda 1607
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fejn il-wild ***jew*** il-ġenitur ***imsemmi*** fil-paragrafu 1, ikun legalment residenti fi Stat Membru ieħor li ma jkunx dak fejn l-applikant ikun preżenti, l-Istat Membru responsabbli għandu jkun dak fejn il-wild ***jew*** il-ġenitur ***ikun*** legalment residenti ***sakemm is-saħħa tal-applikant ma żżommux milli jivjaġġa lejn dak l-Istat Membru għal perjodu ta' żmien sinfikanti***. F'każ bħal dan, l-Istat Membru responsabbli għandu jkun dak fejn l-applikant ikun preżenti. Dak l-Istat Membru ma għandux ikun soġġett għall-obbligu li jġib il-wild ***jew*** il-ġenitur tal-applikant fit-territorju tiegħu.	2. Fejn il-wild***, ħu/oħt,*** il-ġenitur ***jew in-nannu/a msemmi*** fil-paragrafu 1, ikun legalment residenti fi Stat Membru ieħor li ma jkunx dak fejn l-applikant ikun preżenti, l-Istat Membru responsabbli għandu jkun dak fejn il-wild***, ħu/oħt,*** il-ġenitur ***jew in-nannu/a jkun*** legalment residenti. F'każ bħal dan, l-Istat Membru responsabbli għandu jkun dak fejn l-applikant ikun preżenti. Dak l-Istat Membru ma għandux ikun soġġett għall-obbligu li jġib il-wild***, ħu/oħt,*** il-ġenitur ***jew in-nannu/a*** tal-applikant fit-territorju tiegħu.

Or. en

Emenda 1608
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 68 dwar:	***imħassar***
(a) l-elementi li għandhom jitqiesu sabiex tiġi vvalutata r-rabta ta' dipendenza;	
(b) il-kriterji biex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' rabtiet familjari mixhuda bi provi;	
(c) il-kriterji għall-valutazzjoni tal-kapaċità tal-persuna kkonċernata li tieħu ħsieb il-persuna dipendenti;	
(d) l-elementi li għandhom jitqiesu sabiex tiġi vvalutata l-inkapaċità li wieħed jivvjaġġa għal perjodu ta' żmien sinifikanti.	

Or. en

Emenda 1609
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-kriterji għall-valutazzjoni tal-kapaċità tal-persuna kkonċernata li tieħu ħsieb il-persuna dipendenti;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1610
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Fit-twettiq tas-setgħat tagħha li tadotta atti delegati, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta ma' esperti fil-qasam tad-drittijiet tat-tfal, il-mediċina u l-protezzjoni soċjali.

Or. en

Emenda 1611
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Fl-eżerċizzju tas-setgħat tagħha li tadotta atti delegati, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta ma' esperti rilevanti inklużi esperti dwar id-drittijiet tat-tfal, mediċi u soċjomediċi inklużi NGOs għad-drittijiet tat-tfal.

Or. en

Emenda 1612
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi kundizzjonijiet uniformi għall-konsultazzjoni u għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 67(2).	4. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi kundizzjonijiet uniformi għall-konsultazzjoni u għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 67(2). ***L-Istati***

Membri għandhom jużaw is-sistema elettronika komuni u sigura ta' trażmissjoni u komunikazzjoni msemmija fl-Artikolu 40a biex jiskambjaw informazzjoni skont dan l-Artikolu.

Or. en

Emenda 1613
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Birgit Sippel, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 24a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 24a
	Sponsorizzazzjoni
	1. Stat Membru jista' jipprovdi l-possibbiltà li l-organizzazzjonijiet rikonoxxuti li jaħdmu f'dak l-Istat Membru fil-qasam tal-programmi ta' protezzjoni tar-refuġjati u l-prevenzjoni tat-traffikar tal-bnedmin isiru l-isponsor ta' applikant li jkun applika għall-protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni. L-organizzazzjoni ta' sponsorizzazzjoni għandha tagħmel arranġamenti għar-rilokazzjoni u l-permanenza tal-applikant fl-Istat Membru sakemm tittieħed deċiżjoni finali dwar l-applikazzjoni tiegħu għall-protezzjoni internazzjonali.
	2. Jekk l-Istat Membru li fih tkun stabbilita l-organizzazzjoni jaqbel li jieħu r-responsabbiltà tal-applikant, dan isir l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.

Or. en

Emenda 1614

Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 8(1), kull Stat Membru jista' jiddeċiedi li jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata għandu minn ċittadin ta' pajjiż terz, anki jekk it-tali eżami ma jaqax taħt ir-responsabbiltà tiegħu taħt il-kriterji stabbiliti ***f'dan ir-Regolament***.	1. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 8(1), kull Stat Membru jista' jiddeċiedi li jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata għandu minn ċittadin ta' pajjiż terz ***jew persuna mingħajr Stat, skont l-Artikolu 1(1) tal-Konvenzjoni tal-1954 dwar l-Istatus ta' Persuni Apolidi***, anki jekk it-tali eżami ma jaqax taħt ir-responsabbiltà tiegħu taħt il-kriterji stabbiliti ***fil-Kapitolu II***.

Or. en

Emenda 1615
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 8(1), kull Stat Membru jista' jiddeċiedi li jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata għandu minn ċittadin ta' pajjiż terz, anki jekk it-tali eżami ma jaqax taħt ir-responsabbiltà tiegħu taħt il-kriterji stabbiliti f'dan ir-Regolament.	1. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 8(1), kull Stat Membru jista' jiddeċiedi li jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata għandu minn ċittadin ta' pajjiż terz ***jew persuna mingħajr stat***, anki jekk it-tali eżami ma jaqax taħt ir-responsabbiltà tiegħu taħt il-kriterji stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 1616
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1 a. Applikant jista' jitlob lil kwalunkwe Stat Membru biex japplika dan il-paragrafu. Tali talba għandha ssir bil-miktub u għandha tkun debitament motivata

Or. en

Emenda 1617
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istat Membru li fih issir l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali u li jkun għaddej mill-proċess biex jiddetermina l-Istat Membru responsabbli, jew l-Istat Membru responsabbli jista', fi kwalunkwe ħin qabel ma tittieħed l-ewwel deċiżjoni rigward is-sustanza, jitlob lil Stat Membru ieħor biex jieħu f'idejh l-applikazzjoni sabiex ilaqqa' flimkien kwalunkwe relazzjoni familjari, għal raġunijiet umanitarji bbażati b'mod partikolari fuq konsiderazzjonijiet familjari ***u*** kulturali, anki fejn dan l-Istat Membru l-ieħor mhuwiex responsabbli skont il-kriterji stabbiliti ***fl-Artikoli 15 sa 18 u 24***. Il-persuni kkonċernati ***għandhom*** juru l-kunsens tagħhom bil-miktub.	2. L-Istat Membru li fih issir l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali u li jkun għaddej mill-proċess biex jiddetermina l-Istat Membru responsabbli, jew l-Istat Membru responsabbli jista', fi kwalunkwe ħin qabel ma tittieħed l-ewwel deċiżjoni rigward is-sustanza, jitlob lil Stat Membru ieħor biex jieħu f'idejh l-applikazzjoni sabiex ilaqqa' flimkien kwalunkwe relazzjoni familjari, ***b'mod partikolari*** għal raġunijiet umanitarji bbażati b'mod partikolari fuq konsiderazzjonijiet familjari***,*** kulturali ***jew soċjali***, ***ħiliet lingwistiċi jew rabtiet sinifikattivi oħra li jiffaċilitaw l-integrazzjoni tiegħu jew tagħha*** anki fejn dan l-Istat Membru l-ieħor mhuwiex responsabbli skont il-kriterji stabbiliti ***fil-Kapitolu II***. Il-persuni kkonċernati ***jeħtiġilhom*** juru l-kunsens tagħhom bil-miktub.

Or. en

Emenda 1618
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istat Membru li fih issir l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali u li jkun għaddej mill-proċess biex jiddetermina l-Istat Membru responsabbli, jew l-Istat Membru responsabbli jista', fi kwalunkwe ħin qabel ma tittieħed l-ewwel deċiżjoni rigward is-sustanza, jitlob lil Stat Membru ieħor biex jieħu f'idejh l-applikazzjoni sabiex ilaqqa' flimkien kwalunkwe relazzjoni familjari, għal raġunijiet umanitarji bbażati b'mod partikolari fuq konsiderazzjonijiet familjari u kulturali, anki fejn dan l-Istat Membru l-ieħor mhuwiex responsabbli skont il-kriterji stabbiliti fl-Artikoli 15 sa 18 u 24. Il-persuni kkonċernati għandhom juru l-kunsens tagħhom bil-miktub.	2. L-Istat Membru li fih issir l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali u li jkun għaddej mill-proċess biex jiddetermina l-Istat Membru responsabbli, jew l-Istat Membru responsabbli jista', fi kwalunkwe ħin qabel ma tittieħed l-ewwel deċiżjoni rigward is-sustanza, jitlob lil Stat Membru ieħor biex jieħu f'idejh l-applikazzjoni sabiex ilaqqa' flimkien kwalunkwe relazzjoni familjari, għal raġunijiet umanitarji bbażati b'mod partikolari fuq konsiderazzjonijiet familjari u kulturali ***jew rabtiet soċjali, ħiliet lingwistiċi jew rabtiet sinifikattivi oħra li jiffaċilitaw l-integrazzjoni tiegħu jew tagħha f'dak l-Istat Membru ieħor***, anki fejn dan l-Istat Membru l-ieħor mhuwiex responsabbli skont il-kriterji stabbiliti fl-Artikoli 15 sa 18 u 24. Il-persuni kkonċernati għandhom juru l-kunsens tagħhom bil-miktub.

Or. en

Emenda 1619
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istat Membru li fih issir l-applikazzjoni għall-protezzjoni	2. L-Istat Membru li fih issir l-applikazzjoni għall-protezzjoni

internazzjonali u li jkun għaddej mill-proċess biex jiddetermina l-Istat Membru responsabbli, jew l-Istat Membru responsabbli jista', fi kwalunkwe ħin qabel ma tittieħed l-ewwel deċiżjoni rigward is-sustanza, jitlob lil Stat Membru ieħor biex jieħu f'idejh l-applikazzjoni sabiex ilaqqa' flimkien kwalunkwe relazzjoni familjari, għal raġunijiet umanitarji bbażati b'mod partikolari fuq konsiderazzjonijiet familjari u kulturali, anki fejn dan l-Istat Membru l-ieħor mhuwiex responsabbli skont il-kriterji stabbiliti fl-Artikoli 15 sa 18 u 24. Il-persuni kkonċernati għandhom juru l-kunsens tagħhom bil-miktub.	internazzjonali u li jkun għaddej mill-proċess biex jiddetermina l-Istat Membru responsabbli, jew l-Istat Membru responsabbli jista', fi kwalunkwe ħin qabel ma tittieħed l-ewwel deċiżjoni rigward is-sustanza, jitlob lil Stat Membru ieħor biex jieħu f'idejh l-applikazzjoni sabiex ilaqqa' flimkien kwalunkwe relazzjoni familjari, għal raġunijiet umanitarji bbażati b'mod partikolari fuq konsiderazzjonijiet familjari u kulturali, ***jew biex jappoġġa lil Stat Membru taħt pressjoni migratorja jew b'riskju ta' pressjoni migratorja*** anki fejn dan l-Istat Membru l-ieħor mhuwiex responsabbli skont il-kriterji stabbiliti fl-Artikoli 15 sa 18 u 24. Il-persuni kkonċernati għandhom juru l-kunsens tagħhom bil-miktub.

Or. en

Emenda 1620
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istat Membru rikjest għandu jwettaq kull kontroll meħtieġ biex jeżamina r-raġunijiet umanitarji msemmija, u għandu jagħti tweġiba lill-Istat Membru rikjedenti fi żmien ***xahrejn*** mid-data minn meta jirċievi t-talba permezz tan-network ta' komunikazzjoni elettronika 'DubliNet' stabbilit taħt l-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 1560/2003. Tweġiba li tirrifjuta t-talba għandha tagħti ***r-raġunijet*** li fuqhom ikun ġie bbażat ir-rifjut.	L-Istat Membru rikjest għandu jwettaq kull kontroll meħtieġ biex jeżamina r-raġunijiet umanitarji msemmija, u għandu jagħti tweġiba lill-Istat Membru rikjedenti fi żmien ***xahar*** mid-data minn meta jirċievi t-talba permezz tan-network ta' komunikazzjoni elettronika 'DubliNet' stabbilit taħt l-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 1560/2003. Tweġiba li tirrifjuta t-talba għandha tagħti ***r-raġunijiet*** li fuqhom ikun ġie bbażat ir-rifjut. ***Fejn l-Istat Membru rikjest jaċċetta t-talba, ir-responsabbiltà biex jeżamina l-applikazzjoni għandha tkun ittrasferita lilu.***

Or. en

Emenda 1621
Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istat Membru rikjest għandu jwettaq kull kontroll meħtieġ biex jeżamina r-raġunijiet umanitarji msemmija, u għandu jagħti tweġiba lill-Istat Membru rikjedenti fi żmien xahrejn mid-data minn meta jirċievi t-talba permezz tan-network ta' komunikazzjoni elettronika 'DubliNet' stabbilit taħt l-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 1560/2003. Tweġiba li tirrifjuta t-talba għandha tagħti ***r-raġunijet*** li fuqhom ikun ġie bbażat ir-rifjut.	L-Istat Membru rikjest għandu jwettaq kull kontroll meħtieġ biex jeżamina r-raġunijiet umanitarji msemmija, u għandu jagħti tweġiba lill-Istat Membru rikjedenti fi żmien xahrejn mid-data minn meta jirċievi t-talba permezz tan-network ta' komunikazzjoni elettronika 'DubliNet' stabbilit taħt l-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 1560/2003. ***Fejn ma tingħata l-ebda tweġiba fil-limitu ta' żmien stabbilit, tkun preżunta l-aċċettazzjoni.*** Tweġiba li tirrifjuta t-talba għandha tagħti ***r-raġunijiet*** li fuqhom ikun ġie bbażat ir-rifjut.

Or. en

Emenda 1622
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istat Membru rikjest għandu jwettaq kull kontroll meħtieġ biex jeżamina r-raġunijiet umanitarji msemmija, u għandu jagħti tweġiba lill-Istat Membru rikjedenti fi żmien xahrejn mid-data minn meta jirċievi t-talba permezz ***tan-network ta' komunikazzjoni*** elettronika ***'DubliNet' stabbilit taħt l-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 1560/2003***. Tweġiba li tirrifjuta t-talba għandha tagħti r-raġunijet li fuqhom	L-Istat Membru rikjest għandu jwettaq kull kontroll meħtieġ biex jeżamina r-raġunijiet umanitarji msemmija, u għandu jagħti tweġiba lill-Istat Membru rikjedenti fi żmien xahrejn mid-data minn meta jirċievi t-talba permezz ***tas-sistema*** elettronika ***komuni u sigura ta' trażmissjoni u komunikazzjoni taħt l-Artikolu 40a ta' dan ir-Regolament***. Tweġiba li tirrifjuta t-talba għandha tagħti r-raġunijet li fuqhom

ikun ġie bbażat ir-rifjut.	ikun ġie bbażat ir-rifjut.

Or. en

Emenda 1623
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istat Membru rikjest għandu jwettaq kull kontroll meħtieġ biex jeżamina r-raġunijiet ***umanitarji*** msemmija, u għandu jagħti tweġiba lill-Istat Membru rikjedenti fi żmien xahrejn mid-data minn meta jirċievi t-talba permezz tan-network ta' komunikazzjoni elettronika 'DubliNet' stabbilit taħt l-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 1560/2003. Tweġiba li tirrifjuta t-talba għandha tagħti ***r-raġunijet*** li fuqhom ikun ġie bbażat ir-rifjut.	L-Istat Membru rikjest għandu jwettaq kull kontroll meħtieġ biex jeżamina r-raġunijiet msemmija, u għandu jagħti tweġiba lill-Istat Membru rikjedenti fi żmien xahrejn mid-data minn meta jirċievi t-talba permezz tan-network ta' komunikazzjoni elettronika 'DubliNet' stabbilit taħt l-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 1560/2003. Tweġiba li tirrifjuta t-talba għandha tagħti ***r-raġunijiet*** li fuqhom ikun ġie bbażat ir-rifjut.

Or. en

Emenda 1624
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 2 a (new)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	***2a. Applikant jista' jitlob lil Stat Membru fejn l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali kienet irreġistrata biex japplika l-paragrafu 2. Tali talba għandha ssir bil-miktub, għandha tkun debitament motivata u għandha tiġi indirizzata lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru determinanti li fih tkun ġiet irreġistrata l-applikazzjoni. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat**

Membru determinanti għandhom jiżguraw li talba ta' dan il-paragrafu tintbagħat lill-awtoritajiet kompetenti responsabbli fl-Istat Membru rikjest mill-applikant. L-Istat Membru rikjest għandu jindika, fi żmien ġimagħtejn minn meta jirċievi t-talba, jekk għandux l-intenzjoni li jassumi r-responsabilità għall-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali. L-Istat Membru rikjest jista' jestendi l-iskadenza b'ġimagħtejn addizzjonali jekk dan jiġi nnotifikat bil-miktub lill-Istat Membru fejn tkun ġiet ippreżentata l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali. Jekk f'dik l-iskadenza tkun għadha ma waslitx risposta, it-talba għandha titqies li tkun ġiet aċċettata.

Or. en

Emenda 1625
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. Fejn l-Istat Membru rikjest jaċċetta t-talba f'konformità mal-paragrafu 2a, dan għandu jsir l-Istat Membru responsabbli. L-Istat Membru li fih tkun ġiet ippreżentata l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandu jiżgura li l-applikant jiġi trasferit lill-Istat Membru responsabbli.

Or. en

Emenda 1626
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 2c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2c. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tfassal formola komuni li għandha tintuża għall-iskop tal-proċedura msemmija fil-paragrafu 2a.

Or. en

Emenda 1627
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 25a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 25a
	Il-proċedura tar-riunifikazzjoni tal-familja
	1. L-Istat Membru determinanti għandu jkun responsabbli mit-twettiq ta' proċedura speċjali tar-riunifikazzjoni tal-familja għall-applikant biex jiġu żgurati riunifikazzjoni tal-familja veloċi u aċċess rapidu għall-proċeduri tal-asil għall-applikanti fejn ikun hemm, prima facie, biżżejjed indikaturi li juru li x'aktarx dawn ikollhom id-dritt għar-riunifikazzjoni tal-familja f'konformità mal-Artikoli 15, 16, 17 jew 18.
	2. Biex jiġi stabbilit jekk ikunx hemm biżżejjed indikaturi li l-applikant għandu membri u/jew qraba tal-familja fl-Istat Membru li jiddikjara, l-Istat Membru determinanti għandu jiżgura li l-applikant ikun fehem id-definizzjoni applikabbli tal-membri tal-familja u/jew tal-qraba u jiżgura li l-applikant ikun ċert li l-allegati membri tal-familja u/jew qraba mhumiex preżenti fi Stat Membru ieħor. L-Istat Membru determinanti għandu jiżgura

wkoll li l-applikant jifhem li mhuwiex se jitħalla jibqa' fl-Istat Membru fejn jiddikjara li għandu membri tal-familja u/jew qraba sakemm tali talba ma tkunx tista' tiġi vverifikata minn dak l-Istat Membru. Jekk l-informazzjoni pprovduta mill-applikant ma tagħtix raġunijiet manifesti biex tiġi ddubitata l-preżenza tal-membri tal-familja u/jew tal-qraba fl-Istat Membru indikat mill-applikant, għandu jiġi konkluż li, prima facie, hemm biżżejjed indikaturi li l-applikant għandu membri tal-familja u/jew qraba f'dak l-Istat Membru sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-paragrafu 1.

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru fejn l-applikant jiddikjara li għandu membri tal-familja u/jew qraba preżenti għandhom jgħinu lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru determinanti billi jwieġbu kwalunkwe mistoqsija li l-għan tagħha jkun li tikkjarifika jekk l-allegati rabtiet tal-familja humiex korretti.

3. Jekk jiġi determinat, skont il-paragrafi 1 u 2, li applikant x'aktarx għandu, prima facie, id-dritt tar-riunifikazzjoni tal-familja f'konformità mal-Artikolu 15, 16, 17 jew 18, l-Istat Membru determinanti għandu jinnotifika lill-Istat Membru tal-allokazzjoni dwar dan u l-applikant għandu jiġi trasferit lejn dak l-Istat Membru.

4. L-Istat Membru determinanti għandu jittrasferixxi l-informazzjoni kollha provduta mill-applikant lill-Istat Membru tal-allokazzjoni permezz tan-network ta' komunikazzjoni elettronika "DubliNet" stabbilit skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 1560/2003.

5. F'konformità mal-proċedura msemmija fil-paragrafu 3, l-Istat Membru tal-allokazzjoni għandu jiddetermina jekk il-kundizzjonijiet għar-riunifikazzjonijiet tal-familja f'konformità mal-Artikoli 15, 16, 17 jew 18 humiex issodisfati. Jekk dan ikun il-każ, l-Istat Membru tal-allokazzjoni għandu jsir l-Istat Membru

responsabbli.

6. Jekk jiġi ddeterminat li l-kundizzjonijiet għar-riunifikazzjoni tal-familja ma ġewx issodisfati, l-Istat Membru tal-allokazzjoni għandu jiżgura li l-applikant jiġi rilokat lejn Stat Membru responsabbli ieħor f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 23b.

Or. en

Emenda 1628
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 25a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 25a
	Il-proċedura tar-riunifikazzjoni tal-familja
	1. L-Istat Membru determinanti għandu jkun responsabbli mit-twettiq ta' proċedura speċjali tar-riunifikazzjoni tal-familja għall-applikant biex jiġu żgurati riunifikazzjoni tal-familja veloċi u aċċess rapidu għall-proċeduri tal-asil għall-applikanti fejn ikun hemm, prima facie, biżżejjed indikaturi li juru li x'aktarx dawn ikollhom id-dritt għar-riunifikazzjoni tal-familja f'konformità mal-Artikoli 15, 16, 17 jew 18.
	2. Biex jiġi stabbilit jekk ikunx hemm biżżejjed indikaturi li l-applikant għandu membri u/jew qraba tal-familja fl-Istat Membru li jiddikjara, l-Istat Membru determinanti għandu jiżgura li l-applikant ikun fehem id-definizzjoni applikabbli tal-membri tal-familja u/jew tal-qraba u jiżgura li l-applikant ikun ċert li l-allegati membri tal-familja u/jew qraba mhumiex preżenti fi Stat Membru ieħor. L-Istat Membru determinanti għandu jiżgura

wkoll li l-applikant jifhem li mhuwiex se jitħalla jibqa' fl-Istat Membru fejn jiddikjara li għandu membri tal-familja u/jew qraba sakemm tali talba tkunx tista' tiġi vverifikata minn dak l-Istat Membru. Jekk l-informazzjoni pprovduta mill-applikant ma tagħtix raġunijiet manifesti biex tiġi ddubitata l-preżenza tal-membri tal-familja u/jew tal-qraba fl-Istat Membru indikat mill-applikant, għandu jiġi konkluż li, prima facie, hemm biżżejjed indikaturi li l-applikant għandu membri tal-familja u/jew qraba f'dak l-Istat Membru sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-paragrafu 1. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru fejn l-applikant jiddikjara li għandu membri tal-familja u/jew qraba preżenti għandhom jgħinu lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru determinanti billi jwieġbu kwalunkwe mistoqsija li l-għan tagħha jkun li tikkjarifika jekk l-allegati rabtiet tal-familja humiex korretti.

3. Jekk jiġi determinat, skont il-paragrafi 1 u 2, li applikant x'aktarx għandu, prima facie, id-dritt tar-riunifikazzjoni tal-familja f'konformità mal-Artikoli 15, 16, 17 jew 18, l-Istat Membru determinanti għandu jinnotifika lill-Istat Membru tal-allokazzjoni dwar dan u l-applikant għandu jiġi trasferit lejn dak l-Istat Membru.

4. L-Istat Membru determinanti għandu jittrasferixxi l-informazzjoni kollha provduta mill-applikant lill-Istat Membru tal-allokazzjoni permezz tan-network ta' komunikazzjoni elettronika "DubliNet" stabbilit skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 1560/2003.

5. F'konformità mal-proċedura msemmija fil-paragrafu 3, l-Istat Membru tal-allokazzjoni għandu jiddetermina jekk il-kundizzjonijiet għar-riunifikazzjonijiet tal-familja f'konformità mal-Artikoli 15, 16, 17 jew 18 humiex issodisfati. Jekk dan ikun il-każ, l-Istat Membru tal-allokazzjoni għandu jsir l-Istat Membru

responsabbli.

6. Jekk jiġi ddeterminat li l-kundizzjonijiet għar-riunifikazzjoni tal-familja ma ġewx issodisfati, l-Istat Membru tal-allokazzjoni għandu jiżgura li l-applikant jiġi rilokat lejn Stat Membru responsabbli ieħor f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 31a.

Or. en

Emenda 1629
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Birgit Sippel, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 25a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 25a
	Proċedura Ħafifa tal-Familja
	1. L-Istat Membru determinanti għandu jkun responsabbli mit-twettiq ta' proċedura speċjali tar-riunifikazzjoni tal-familja għall-applikant biex jiġu żgurati riunifikazzjoni tal-familja veloċi u aċċess rapidu għall-proċeduri tal-asil għall-applikanti fejn ikun hemm, prima facie, biżżejjed indikaturi li juru li x'aktarx dawn ikollhom id-dritt għar-riunifikazzjoni tal-familja f'konformità mal-Artikoli 13, 15, 16, 24a.
	2. Jekk jiġi ddeterminat li, skont il-paragrafi 1 u 2, applikant għandu, prima facie, id-dritt tar-riunifikazzjoni tal-familja f'konformità mal-Artikoli 13, 15, 16, 24a, l-Istat Membru determinanti għandu jinnotifika lill-Istat Membru tal-allokazzjoni dwar dan u l-applikant għandu jiġi trasferit lejn dak l-Istat Membru.
	3. F'konformità mal-proċedura msemmija fil-paragrafu 2, l-Istat Membru tal-

allokazzjoni għandu jiddetermina jekk il-kundizzjonijiet għar-riunifikazzjoni tal-familja f'konformità mal-Artikolu 18 humiex issodisfati. Jekk dan ikun il-każ, l-Istat Membru tal-allokazzjoni għandu jsir l-Istat Membru responsabbli.

Or. en

Emenda 1630
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 25b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 25b
	Proċedura ħafifa f'sitwazzjonijiet ta' riskju ta' pressjoni fuq is-sistema tal-asil jew tal-akkoljenza
	1. Fejn il-Kummissjoni tiddetermina li sistema tal-asil jew tal-akkoljenza tkun f'riskju ta' pressjoni, l-Istat Membru determinanti għandu jiddetermina malajr Stat Membru tal-allokazzjoni meta jkun hemm, prima facie, biżżejjed indikaturi li juru li l-applikant għandu rabtiet sinifikattivi f'konformità ma' kwalunkwe kriterju fil-Kapitolu II ma' Stat Membru partikolari, għajr l-Istat Membru determinanti.
	2. Fl-istabbiliment ta' jekk hemmx biżżejjed indikaturi li juru li l-applikant għandu rabtiet sinifikattivi ma' Stat Membru partikolari, l-Istat Membru determinanti għandu jibbaża d-determinazzjoni tiegħu fuq evidenza u informazzjoni oħra pprovduta mill-applikant u għandu jikkonsulta bażijiet tad-data rilevanti tal-Unjoni. L-Istat Membru determinanti għandu jiżgura wkoll li l-applikant jifhem li mhuwiex se jitħalla jibqa' fl-Istat Membru tal-allokazzjoni sakemm l-evidenza u l-informazzjoni pprovduti ma jistgħux jiġu

vverifikati minn dak l-Istat Membru. Jekk l-informazzjoni pprovduta mill-applikant, jew miġbura permezz tal-bażijiet tad-data rilevanti tal-Unjoni, ma jagħtix lok għal raġunijiet ta' dubju manifest li l-kriterji fil-Kapitolu II japplikaw għal Stat Membru partikolari, l-Istat Membru determinanti għandu jikkonkludi li, prima facie, hemm biżżejjed indikaturi li juru li r-rabtiet inkwistjoni jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

Dak l-obbligu għandu jintemm meta l-Istat Membru li jiddetermina l-Istat Membru responsabbli jkun jista' jistabbilixxi li l-applikant kiseb dokument ta' residenza mingħand Stat Membru ieħor.	Dak l-obbligu għandu jintemm meta l-Istat Membru li jiddetermina l-Istat Membru responsabbli jkun jista' jistabbilixxi li l-applikant kiseb dokument ta' residenza mingħand Stat Membru ieħor ***jew fejn l-Istat Membru fejn ikun preżenti l-applikant jiddeċiedi li jieħu r-responsabbiltà għall-eżami tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali skont l-Artikolu 25***.

Or. en

Emenda 1686
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Applikant li jkun preżenti fi Stat Membru mingħajr dokument ta' residenza jew li jagħmel applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali wara li Stat Membru ieħor ikun ikkonferma li se jirriloka l-persuna kkonċernata skont l-Artikolu 57(7), u qabel ma jkun sar it-trasferiment lil dak l-Istat Membru skont l-Artikolu 57(9), għandu jittieħed lura, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 31 u 35, mill-Istat Membru ta' rilokazzjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1687
Nicola Procaccini

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Applikant li jkun preżenti fi Stat Membru mingħajr dokument ta' residenza jew li jagħmel applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali wara li Stat Membru ieħor ikun ikkonferma li se jirriloka l-persuna kkonċernata skont l-Artikolu 57(7), u qabel ma jkun sar it-trasferiment lil dak l-Istat Membru skont l-Artikolu 57(9), għandu jittieħed lura, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 31 u 35, mill-Istat Membru ta' rilokazzjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1688
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Jekk Stat Membru li fih tkun ġiet irreġistrata applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali jikkunsidra li Stat Membru ieħor huwa responsabbli għall-eżaminazzjoni tal-applikazzjoni, għandu, kemm jista' jkun malajr u f'kull każ fi żmien xahrejn mid-data li fiha l-applikazzjoni ġiet irreġistrata, jitlob lill-Istat Membru l-ieħor biex jieħu r-responsabbiltà tal-applikant.	1. Jekk***, wara li tkun ġiet stabbilita l-identità tal-applikant,*** Stat Membru li fih tkun ġiet irreġistrata applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali jikkunsidra li Stat Membru ieħor huwa responsabbli għall-eżaminazzjoni tal-applikazzjoni, għandu, kemm jista' jkun malajr u f'kull każ fi żmien xahrejn mid-data li fiha l-applikazzjoni ġiet irreġistrata, jitlob lill-Istat Membru l-ieħor biex jieħu r-responsabbiltà tal-applikant.

Or. en

Emenda 1689
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Jekk Stat Membru ***li fih tkun ġiet irreġistrata applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali*** jikkunsidra li Stat Membru ieħor huwa responsabbli għall-eżaminazzjoni tal-applikazzjoni, għandu, kemm jista' jkun malajr u f'kull każ fi żmien xahrejn mid-data li fiha l-applikazzjoni ġiet irreġistrata, jitlob lill-Istat Membru l-ieħor biex jieħu r-responsabbiltà tal-applikant.	1. Jekk Stat Membru ***msemmi fl-Artikolu 28(1)*** jikkunsidra li Stat Membru ieħor huwa responsabbli għall-eżaminazzjoni tal-applikazzjoni, għandu, kemm jista' jkun malajr u f'kull każ fi żmien xahrejn mid-data li fiha l-applikazzjoni ġiet irreġistrata, jitlob lill-Istat Membru l-ieħor biex jieħu r-responsabbiltà tal-applikant.

Or. en

Emenda 1690
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Jekk Stat Membru li fih tkun ġiet irreġistrata applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali jikkunsidra li Stat Membru ieħor huwa responsabbli għall-eżaminazzjoni tal-applikazzjoni, għandu, kemm jista' jkun malajr u f'kull każ fi żmien ***xahrejn*** mid-data li fiha l-applikazzjoni ġiet irreġistrata, jitlob lill-Istat Membru l-ieħor biex jieħu r-responsabbiltà tal-applikant.	1. Jekk Stat Membru li fih tkun ġiet irreġistrata applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali jikkunsidra li Stat Membru ieħor huwa responsabbli għall-eżaminazzjoni tal-applikazzjoni, għandu, kemm jista' jkun malajr u f'kull każ fi żmien ***tliet xhur*** mid-data li fiha l-applikazzjoni ġiet irreġistrata, jitlob lill-Istat Membru l-ieħor biex jieħu r-responsabbiltà tal-applikant.

Or. en

Emenda 1691
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Jekk Stat Membru li fih tkun ġiet irreġistrata applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali jikkunsidra li Stat Membru ieħor huwa responsabbli għall-eżaminazzjoni tal-applikazzjoni, għandu, kemm jista' jkun malajr u f'kull każ fi żmien ***xahrejn*** mid-data li fiha l-applikazzjoni ġiet irreġistrata, jitlob lill-Istat Membru l-ieħor biex jieħu r-responsabbiltà tal-applikant.	1. Jekk Stat Membru li fih tkun ġiet irreġistrata applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali jikkunsidra li Stat Membru ieħor huwa responsabbli għall-eżaminazzjoni tal-applikazzjoni, għandu, kemm jista' jkun malajr u f'kull każ fi żmien ***tliet xhur*** mid-data li fiha l-applikazzjoni ġiet irreġistrata, jitlob lill-Istat Membru l-ieħor biex jieħu r-responsabbiltà tal-applikant.

Or. en

Emenda 1692
Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Jekk Stat Membru li fih tkun ġiet irreġistrata applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali jikkunsidra li Stat Membru ieħor huwa responsabbli għall-eżaminazzjoni tal-applikazzjoni, għandu, kemm jista' jkun malajr u f'kull każ fi żmien ***xahrejn*** mid-data li fiha l-applikazzjoni ġiet irreġistrata, jitlob lill-Istat Membru l-ieħor biex jieħu r-responsabbiltà tal-applikant.	1. Jekk Stat Membru li fih tkun ġiet irreġistrata applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali jikkunsidra li Stat Membru ieħor huwa responsabbli għall-eżaminazzjoni tal-applikazzjoni, għandu, kemm jista' jkun malajr u f'kull każ fi żmien ***tliet xhur*** mid-data li fiha l-applikazzjoni ġiet irreġistrata, jitlob lill-Istat Membru l-ieħor biex jieħu r-responsabbiltà tal-applikant.

Or. en

Emenda 1693
Nicola Procaccini

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Jekk Stat Membru li fih tkun ġiet irreġistrata applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali jikkunsidra li Stat Membru ieħor huwa responsabbli għall-eżaminazzjoni tal-applikazzjoni, għandu, kemm jista' jkun malajr u f'kull każ fi żmien ***xahrejn*** mid-data li fiha l-applikazzjoni ġiet irreġistrata, jitlob lill-Istat Membru l-ieħor biex jieħu r-responsabbiltà tal-applikant.	1. Jekk Stat Membru li fih tkun ġiet irreġistrata applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali jikkunsidra li Stat Membru ieħor huwa responsabbli għall-eżaminazzjoni tal-applikazzjoni, għandu, kemm jista' jkun malajr u f'kull każ fi żmien ***tliet xhur*** mid-data li fiha l-applikazzjoni ġiet irreġistrata, jitlob lill-Istat Membru l-ieħor biex jieħu r-responsabbiltà tal-applikant.

Or. en

Emenda 1694
Laura Ferrara, Sabrina Pignedoli

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Jekk Stat Membru li fih tkun ġiet irreġistrata applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali jikkunsidra li Stat Membru ieħor huwa responsabbli għall-eżaminazzjoni tal-applikazzjoni, għandu, kemm jista' jkun malajr u f'kull każ fi żmien ***xahrejn*** mid-data li fiha l-applikazzjoni ġiet irreġistrata, jitlob lill-Istat Membru l-ieħor biex jieħu r-responsabbiltà tal-applikant.	1. Jekk Stat Membru li fih tkun ġiet irreġistrata applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali jikkunsidra li Stat Membru ieħor huwa responsabbli għall-eżaminazzjoni tal-applikazzjoni, għandu, kemm jista' jkun malajr u f'kull każ fi żmien ***tliet xhur*** mid-data li fiha l-applikazzjoni ġiet irreġistrata, jitlob lill-Istat Membru l-ieħor biex jieħu r-responsabbiltà tal-applikant.

Or. it

Emenda 1695
Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Juan Ignacio Zoido Álvarez, Loucas Fourlas

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Jekk Stat Membru li fih tkun ġiet irreġistrata applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali jikkunsidra li Stat Membru ieħor huwa responsabbli għall-eżaminazzjoni tal-applikazzjoni, għandu, ***kemm jista' jkun malajr*** u f'kull każ fi żmien ***xahrejn*** mid-data li fiha l-applikazzjoni ġiet irreġistrata, jitlob lill-Istat Membru l-ieħor biex jieħu r-responsabbiltà tal-applikant.	1. Jekk Stat Membru li fih tkun ġiet irreġistrata applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali jikkunsidra li Stat Membru ieħor huwa responsabbli għall-eżaminazzjoni tal-applikazzjoni, għandu, ***immedjatament*** u f'kull każ fi żmien ***tliet xhur*** mid-data li fiha l-applikazzjoni ġiet irreġistrata, jitlob lill-Istat Membru l-ieħor biex jieħu r-responsabbiltà tal-applikant.

Or. en

Emenda 1696
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Minkejja l-ewwel subparagrafu, fil-każ ta' hit tal-Eurodac mad-data rreġistrata skont l-Artikoli 13 u 14a tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament tal-Eurodac] jew ta' hit tal-VIS ma' data rreġistrata skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (KE) Nru 767/2008, it-talba biex tittieħed responsabbiltà għandha tintbagħat fi żmien xahar minn meta tasal dik il-hit.	***imħassar***

Or. en

Amendment 1697
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Minkejja l-ewwel subparagrafu, fil-każ ta' hit tal-Eurodac mad-data rreġistrata skont l-Artikoli 13 u 14a tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament tal-Eurodac] jew ta' hit tal-VIS ma' data rreġistrata skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (KE) Nru 767/2008, it-talba biex tittieħed responsabbiltà għandha tintbagħat fi żmien xahar minn meta tasal dik il-hit.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1698
Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

Minkejja l-ewwel subparagrafu, fil-każ ta' hit tal-Eurodac mad-data rreġistrata skont l-Artikoli 13 u 14a tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament tal-Eurodac] jew ta' hit tal-VIS ma' data rreġistrata skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (KE) Nru 767/2008, it-talba biex tittieħed responsabbiltà għandha tintbagħat fi żmien ***xahar*** minn meta tasal dik il-hit.	Minkejja l-ewwel subparagrafu, fil-każ ta' hit tal-Eurodac mad-data rreġistrata skont l-Artikoli 13 u 14a tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament tal-Eurodac] jew ta' hit tal-VIS ma' data rreġistrata skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (KE) Nru 767/2008, it-talba biex tittieħed responsabbiltà għandha tintbagħat fi żmien ***xahrejn*** minn meta tasal dik il-hit.

Or. en

Emenda 1699
Laura Ferrara, Sabrina Pignedoli

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Minkejja l-ewwel subparagrafu, fil-każ ta' hit tal-Eurodac mad-data rreġistrata skont l-Artikoli 13 u 14a tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament tal-Eurodac] jew ta' hit tal-VIS ma' data rreġistrata skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (KE) Nru 767/2008, it-talba biex tittieħed responsabbiltà għandha tintbagħat fi żmien ***xahar*** minn meta tasal dik il-hit.	Minkejja l-ewwel subparagrafu, fil-każ ta' hit tal-Eurodac mad-data rreġistrata skont l-Artikoli 13 u 14a tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament tal-Eurodac] jew ta' hit tal-VIS ma' data rreġistrata skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (KE) Nru 767/2008, it-talba biex tittieħed responsabbiltà għandha tintbagħat fi żmien ***xahrejn*** minn meta tasal dik il-hit.

Or. it

Emenda 1700
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Minkejja l-ewwel subparagrafu, fil-każ ta' hit tal-Eurodac mad-data rreġistrata skont l-Artikoli 13 u 14a tar-Regolament (UE)	Minkejja l-ewwel subparagrafu, fil-każ ta' hit tal-Eurodac mad-data rreġistrata skont l-Artikoli 13 u 14a tar-Regolament (UE)

XXX/XXX [ir-Regolament tal-Eurodac] jew ta' hit tal-VIS ma' data rreġistrata skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (KE) Nru 767/2008, it-talba biex tittieħed responsabbiltà għandha tintbagħat fi żmien ***xahar*** minn meta tasal dik il-hit.	XXX/XXX [ir-Regolament tal-Eurodac] jew ta' hit tal-VIS ma' data rreġistrata skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (KE) Nru 767/2008, it-talba biex tittieħed responsabbiltà għandha tintbagħat fi żmien ***xahrejn*** minn meta tasal dik il-hit.

Or. en

Emenda 1701
Nicola Procaccini

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Minkejja l-ewwel subparagrafu, fil-każ ta' hit tal-Eurodac mad-data rreġistrata skont l-Artikoli 13 u 14a tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament tal-Eurodac] jew ta' hit tal-VIS ma' data rreġistrata skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (KE) Nru 767/2008, it-talba biex tittieħed responsabbiltà għandha tintbagħat fi żmien ***xahar*** minn meta tasal dik il-hit.	Minkejja l-ewwel subparagrafu, fil-każ ta' hit tal-Eurodac mad-data rreġistrata skont l-Artikoli 13 u 14a tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament tal-Eurodac] jew ta' hit tal-VIS ma' data rreġistrata skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (KE) Nru 767/2008, it-talba biex tittieħed responsabbiltà għandha tintbagħat fi żmien ***xahrejn*** minn meta tasal dik il-hit.

Or. en

Emenda 1702
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Minkejja l-ewwel subparagrafu, fil-każ ta' hit tal-Eurodac mad-data rreġistrata skont l-Artikoli 13 u 14a tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament tal-Eurodac] jew ta' hit tal-VIS ma' data rreġistrata skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (KE) Nru 767/2008, it-talba biex tittieħed	Minkejja l-ewwel subparagrafu, fil-każ ta' hit tal-Eurodac mad-data rreġistrata skont l-Artikoli 13 u 14a tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament tal-Eurodac] jew ta' hit tal-VIS ma' data rreġistrata skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (KE) Nru 767/2008, it-talba biex tittieħed

responsabbiltà għandha tintbagħat fi żmien ***xahar*** minn meta tasal dik il-hit.	responsabbiltà għandha tintbagħat fi żmien ***ġimgħa*** minn meta tasal dik il-hit.

Or. en

Emenda 1703
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn it-talba biex tittieħed responsabbiltà ta' applikant ma ssirx fi żmien il-perjodi stabbiliti fl-ewwel u fit-tieni subparagrafi, ir-responsabbiltà biex tkun eżaminata l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandha tkun tal-Istat Membru li fih tkun ġiet irreġistrata l-applikazzjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1704
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn l-applikant ikun minorenni mhux akkumpanjat, l-Istat Membru determinanti jista'***, fejn iqis li huwa fl-aħjar interess tal-minorenni***, ikompli bil-proċedura biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli u jitlob lil Stat Membru ieħor biex jieħu r-responsabbiltà tal-applikant minkejja l-iskadenza tal-limiti ta' żmien stabbiliti fl-ewwel u t-tieni subparagrafi.	Fejn l-applikant ikun minorenni mhux akkumpanjat ***jew it-talba tkun ibbażata fuq l-Artikolu 16 jew 17***, l-Istat Membru determinanti jista', ikompli bil-proċedura biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli u jitlob lil Stat Membru ieħor biex jieħu r-responsabbiltà tal-applikant minkejja l-iskadenza tal-limiti ta' żmien stabbiliti fl-ewwel u t-tieni subparagrafi.

Fir-rigward tal-minorenni, sabiex jiġu kkalkulati l-iskadenzi msemmija fl-ewwel u fit-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu, iż-żmien għandu jibda jiddekorri meta jkun inħatar kustodju u meta l-valutazzjoni tal-aħjar interessi skont l-Artikoli 13, 15, 16, 17, 25a tkun ġiet konkluża.

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-tħassir tal-"aħjar interess tal-minorenni" huwa propost sabiex jiġi evitat l-użu ħażin ta' din il-garanzija internazzjonali magħrufa sew għall-minorenni fil-preġudizzju tiegħu fir-rigward tar-riunifikazzjoni tal-familja.

Emenda 1705
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn l-applikant ikun minorenni ***mhux akkumpanjat***, l-Istat Membru determinanti jista'***, fejn iqis li huwa fl-aħjar interess tal-minorenni, ikompli*** bil-proċedura biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli u jitlob lil Stat Membru ieħor biex jieħu r-responsabbiltà tal-applikant minkejja l-iskadenza tal-limiti ta' żmien stabbiliti fl-ewwel u t-tieni subparagrafi.	Fejn l-applikant ikun minorenni***, bl-iskop li jiġu kkalkulati l-iskadenzi msemmija fl-ewwel u t-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu, iż-żmien għandu jibda jiddekorri meta jkun inħatar rappreżentant u meta l-valutazzjoni tal-aħjar interessi skont l-Artikolu 13 tkun ġiet konkluża. Barra minn hekk***, l-Istat Membru determinanti jista' ***jkompli*** bil-proċedura biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli u jitlob lil Stat Membru ieħor biex jieħu r-responsabbiltà tal-applikant minkejja l-iskadenza tal-limiti ta' żmien stabbiliti fl-ewwel u t-tieni subparagrafi.

Or. en

Emenda 1706

Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn l-applikant ikun minorenni mhux akkumpanjat, l-Istat Membru determinanti jista', fejn iqis li huwa fl-aħjar interess tal-minorenni, ikompli bil-proċedura biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli u jitlob lil Stat Membru ieħor biex jieħu r-responsabbiltà tal-applikant minkejja l-iskadenza tal-limiti ta' żmien stabbiliti fl-ewwel u t-tieni subparagrafi.	Fejn l-applikant ikun minorenni mhux akkumpanjat, ***iż-żmien imsemmi fis-subparagrafi 1 u 2 għandu jibda jiddekorri meta jinħatar kustodju u meta l-valutazzjoni tal-aħjar interessi tat-tifel jew it-tifla tkun ġiet konkluża.*** L-Istat Membru determinanti jista' ***wkoll***, fejn iqis li huwa fl-aħjar interess tal-minorenni, ikompli bil-proċedura biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli u jitlob lil Stat Membru ieħor biex jieħu r-responsabbiltà tal-applikant minkejja l-iskadenza tal-limiti ta' żmien stabbiliti fl-ewwel u t-tieni subparagrafi.

Or. en

Emenda 1707
Maria Walsh, Deirdre Clune, Seán Kelly, Frances Fitzgerald, Colm Markey

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn l-applikant ikun minorenni mhux akkumpanjat, l-Istat Membru determinanti jista', fejn iqis li huwa fl-aħjar interess tal-minorenni, ikompli bil-proċedura biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli u jitlob lil Stat Membru ieħor biex jieħu r-responsabbiltà tal-applikant minkejja l-iskadenza tal-limiti ta' żmien stabbiliti fl-ewwel u t-tieni subparagrafi.	Fejn l-applikant ikun minorenni mhux akkumpanjat ***jew it-talba tkun ibbażata fuq l-Artikolu 16 jew 17***, l-Istat Membru determinanti jista', fejn iqis li huwa fl-aħjar interess tal-minorenni, ikompli bil-proċedura biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli u jitlob lil Stat Membru ieħor biex jieħu r-responsabbiltà tal-applikant minkejja l-iskadenza tal-limiti ta' żmien stabbiliti fl-ewwel u t-tieni subparagrafi.

Or. en

Emenda 1708
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn l-applikant ikun ***minorenni*** mhux akkumpanjat, l-Istat Membru determinanti jista', fejn iqis li huwa fl-aħjar interess ***tal-minorenni***, ikompli bil-proċedura biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli u jitlob lil Stat Membru ieħor biex jieħu r-responsabbiltà tal-applikant minkejja l-iskadenza tal-limiti ta' żmien stabbiliti fl-ewwel u t-tieni subparagrafi.	Fejn l-applikant ikun ***wild*** mhux akkumpanjat, l-Istat Membru determinanti jista', fejn iqis li huwa fl-aħjar interess ***tat-tifel jew it-tifla***, ikompli bil-proċedura biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli u jitlob lil Stat Membru ieħor biex jieħu r-responsabbiltà tal-applikant minkejja l-iskadenza tal-limiti ta' żmien stabbiliti fl-ewwel u t-tieni subparagrafi.

Or. en

Emenda 1709
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn l-applikant ikun minorenni ***mhux akkumpanjat***, l-Istat Membru determinanti ***jista', fejn iqis li huwa fl-aħjar interess tal-minorenni, ikompli*** bil-proċedura biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli u jitlob lil Stat Membru ieħor biex jieħu r-responsabbiltà tal-applikant minkejja l-iskadenza tal-limiti ta' żmien stabbiliti fl-ewwel u t-tieni subparagrafi.	Fejn l-applikant ikun minorenni***, jew it-talba tkun ibbażata fuq l-Artikoli 16, 17, 18 jew 24***, l-Istat Membru determinanti ***għandu jkompli*** bil-proċedura biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli u jitlob lil Stat Membru ieħor biex jieħu r-responsabbiltà tal-applikant minkejja l-iskadenza tal-limiti ta' żmien stabbiliti fl-ewwel u t-tieni subparagrafi.

Or. en

Emenda 1710

Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn l-applikant ikun minorenni mhux akkumpanjat, l-Istat Membru determinanti ***jista', fejn iqis li huwa fl-aħjar interess tal-minorenni***, ikompli bil-proċedura biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli u jitlob lil Stat Membru ieħor biex jieħu r-responsabbiltà tal-applikant minkejja l-iskadenza tal-limiti ta' żmien stabbiliti fl-ewwel u t-tieni subparagrafi.	Fejn l-applikant ikun minorenni mhux akkumpanjat ***jew it-talba tkun ibbażata fuq l-Artikoli 16, 17, 18 jew 24***, l-Istat Membru determinanti ***għandu***, ikompli bil-proċedura biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli u jitlob lil Stat Membru ieħor biex jieħu r-responsabbiltà tal-applikant minkejja l-iskadenza tal-limiti ta' żmien stabbiliti fl-ewwel u t-tieni subparagrafi.

Or. en

Emenda 1711
Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Juan Ignacio Zoido Álvarez, Loucas Fourlas

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1 – subparagrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-ewwel Stat Membru li jiġi ddeterminat li huwa responsabbli jista' jitlob lil Stat Membru ieħor biex jieħu r-responsabbiltà tal-applikant, skont l-applikazzjoni tal-kriterji dwar minorenni mhux akkumpanjati u membri tal-familja, sakemm tittieħed deċiżjoni dwar l-applikazzjoni u minkejja l-iskadenza tal-limiti ta' żmien stabbiliti fl-ewwel subparagrafu.

Or. en

Emenda 1712
Jadwiga Wiśniewska, Joachim Stanisław Brudziński, Patryk Jaki, Beata Kempa
f'isem il-Grupp ECR

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
It-talba għandha tiddikjara r-raġunijiet li jiġġustifikaw tweġiba urġenti u l-perjodu li fih tweġiba tkun mitluba. Dak il-perijodu għandu jkun għall-inqas ta' ***ġimgħa***.	It-talba għandha tiddikjara r-raġunijiet li jiġġustifikaw tweġiba urġenti u l-perjodu li fih tweġiba tkun mitluba. Dak il-perijodu għandu jkun għall-inqas ta' ***ġimagħtejn***.

Or. pl

Emenda 1713
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2, it-talba li tittieħed responsabbiltà minn Stat Membru ieħor għandha ssir billi tintuża formola standard u għandha tinkludi prova jew xhieda ċirkostanzjali kif deskritt fiż-żewġ listi msemmija fl-Artikolu 30(4) u/jew elementi relevanti mid-dikjarazzjoni tal-applikant, sabiex l-awtoritajiet tal-Istat Membru rikjest ikunu jistgħu jikkontrollaw jekk huwiex responsabbli fuq il-bażi tal-kriterji stabbiliti f'dan ir-Regolament.	3. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2, it-talba li tittieħed responsabbiltà minn Stat Membru ieħor għandha ssir billi tintuża formola standard u għandha tinkludi ***dokumenti li jikkonfermaw l-identità tal-applikant kif ukoll*** prova jew xhieda ċirkostanzjali kif deskritt fiż-żewġ listi msemmija fl-Artikolu 30(4) u/jew elementi relevanti mid-dikjarazzjoni tal-applikant, sabiex l-awtoritajiet tal-Istat Membru rikjest ikunu jistgħu jikkontrollaw jekk huwiex responsabbli fuq il-bażi tal-kriterji stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 1714
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament

Artikolu 29 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta kundizzjonijiet uniformi dwar il-preparazzjoni u s-sottomissjoni ta' talbiet għal responsabbiltà. ***Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 67(2).***	***L-informazzjoni għandha tiġi kkomunikata bejn l-Istati Membri permezz tas-sistema elettronika komuni u sigura ta' trażmissjoni u komunikazzjoni msemmija fl-Artikolu 40a. F'konformità ma' dak l-Artikolu,*** il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta kundizzjonijiet uniformi dwar il-preparazzjoni u s-sottomissjoni ta' talbiet għal responsabbiltà.

Or. en

Emenda 1715
Nicola Procaccini

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istat Membru rikjest għandu jagħmel il-kontrolli meħtieġa, u għandu jieħu deċiżjoni fuq it-talba biex tittieħed responsabbiltà ta' applikant fi żmien ***xahar*** minn meta tasal it-talba.	1. L-Istat Membru rikjest għandu jagħmel il-kontrolli meħtieġa, u għandu jieħu deċiżjoni fuq it-talba biex tittieħed responsabbiltà ta' applikant fi żmien ***xahrejn*** minn meta tasal it-talba.

Or. en

Emenda 1716
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istat Membru rikjest għandu jagħmel il-kontrolli meħtieġa, u għandu jieħu deċiżjoni fuq it-talba biex tittieħed responsabbiltà ta' applikant fi żmien ***xahar***	1. L-Istat Membru rikjest għandu jagħmel il-kontrolli meħtieġa, u għandu jieħu deċiżjoni fuq it-talba biex tittieħed responsabbiltà ta' applikant fi żmien

minn meta tasal it-talba.	***ġimagħtejn*** minn meta tasal it-talba.

Or. en

Emenda 1717
Jadwiga Wiśniewska, Joachim Stanisław Brudziński, Patryk Jaki, Beata Kempa
f'isem il-Grupp ECR

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istat Membru rikjest għandu jagħmel il-kontrolli meħtieġa, u għandu jieħu deċiżjoni fuq it-talba biex tittieħed responsabbiltà ta' applikant fi żmien ***xahar*** minn meta tasal it-talba.	1. L-Istat Membru rikjest għandu jagħmel il-kontrolli meħtieġa, u għandu jieħu deċiżjoni fuq it-talba biex tittieħed responsabbiltà ta' applikant fi żmien ***xahrejn*** minn meta tasal it-talba.

Or. pl

Emenda 1718
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Minkejja l-ewwel paragrafu, fil-każ ta' hit tal-Eurodac b'data rreġistrata skont l-Artikolu 13 u 14a tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament tal-Eurodac] jew ta' hit tal-VIS b'data rreġistrata skont l-Artikolu 21(2) tar-Regolament (KE) Nru 767/2008, l-Istat Membru rikjest għandu jagħti deċiżjoni dwar it-talba fi żmien ġimagħtejn minn meta tasal dik it-talba.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1719
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Minkejja l-ewwel paragrafu, fil-każ ta' hit tal-Eurodac b'data rreġistrata skont l-Artikolu 13 u 14a tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament tal-Eurodac] jew ta' hit tal-VIS b'data rreġistrata skont l-Artikolu 21(2) tar-Regolament (KE) Nru 767/2008, l-Istat Membru rikjest għandu jagħti deċiżjoni dwar it-talba fi żmien ġimagħtejn minn meta tasal dik it-talba.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1720
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Minkejja l-ewwel paragrafu, fil-każ ta' hit tal-Eurodac b'data rreġistrata skont l-Artikolu 13 u 14a tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament tal-Eurodac] jew ta' hit tal-VIS b'data rreġistrata skont l-Artikolu 21(2) tar-Regolament (KE) Nru 767/2008, l-Istat Membru rikjest għandu jagħti deċiżjoni dwar it-talba fi żmien ***ġimagħtejn*** minn meta tasal dik it-talba.	2. Minkejja l-ewwel paragrafu, fil-każ ta' hit tal-Eurodac b'data rreġistrata skont l-Artikolu 13 u 14a tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament tal-Eurodac] jew ta' hit tal-VIS b'data rreġistrata skont l-Artikolu 21(2) tar-Regolament (KE) Nru 767/2008, l-Istat Membru rikjest għandu jagħti deċiżjoni dwar it-talba fi żmien ***erbat ijiem tax-xogħol*** minn meta tasal dik it-talba.

Or. en

Emenda 1721
Jadwiga Wiśniewska, Joachim Stanisław Brudziński, Patryk Jaki, Beata Kempa

f'isem il-Grupp ECR

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Minkejja l-ewwel paragrafu, fil-każ ta' hit tal-Eurodac b'data rreġistrata skont l-Artikolu 13 u 14a tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament tal-Eurodac] jew ta' hit tal-VIS b'data rreġistrata skont l-Artikolu 21(2) tar-Regolament (KE) Nru 767/2008, l-Istat Membru rikjest għandu jagħti deċiżjoni dwar it-talba fi żmien ***ġimagħtejn*** minn meta tasal dik it-talba.	2. Minkejja l-ewwel paragrafu, fil-każ ta' hit tal-Eurodac b'data rreġistrata skont l-Artikolu 13 u 14a tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament tal-Eurodac] jew ta' hit tal-VIS b'data rreġistrata skont l-Artikolu 21(2) tar-Regolament (KE) Nru 767/2008, l-Istat Membru rikjest għandu jagħti deċiżjoni dwar it-talba fi żmien ***xahar*** minn meta tasal dik it-talba.

Or. pl

Emenda 1722
Nicola Procaccini

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Minkejja l-ewwel paragrafu, fil-każ ta' hit tal-Eurodac b'data rreġistrata skont l-Artikolu 13 u 14a tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament tal-Eurodac] jew ta' hit tal-VIS b'data rreġistrata skont l-Artikolu 21(2) tar-Regolament (KE) Nru 767/2008, l-Istat Membru rikjest għandu jagħti deċiżjoni dwar it-talba fi żmien ***ġimagħtejn*** minn meta tasal dik it-talba.	2. Minkejja l-ewwel paragrafu, fil-każ ta' hit tal-Eurodac b'data rreġistrata skont l-Artikolu 13 u 14a tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament tal-Eurodac] jew ta' hit tal-VIS b'data rreġistrata skont l-Artikolu 21(2) tar-Regolament (KE) Nru 767/2008, l-Istat Membru rikjest għandu jagħti deċiżjoni dwar it-talba fi żmien ***xahar*** minn meta tasal dik it-talba.

Or. en

Emenda 1723
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ***ta' implimentazzjoni***, tistabbilixxi, u tirrevedi perjodikament, żewġ listi, li juru l-elementi ta' prova u xhieda ċirkostanzjali relevanti skont il-kriterji stabbiliti fil-punti (a) u (b) ta' dan il-paragrafu. ***Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 67(2).***	4. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ***delegati***, tistabbilixxi, u tirrevedi perjodikament, żewġ listi, li juru l-elementi ta' prova u xhieda ċirkostanzjali relevanti skont il-kriterji stabbiliti fil-punti (a) u (b) ta' dan il-paragrafu.

Or. en

Emenda 1724
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni ***għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi, u tirrevedi*** perjodikament, żewġ listi, li juru l-elementi ta' prova u xhieda ċirkostanzjali relevanti skont il-kriterji stabbiliti fil-punti (a) u (b) ta' dan il-paragrafu. ***Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 67(2).***	4. Il-Kummissjoni ***tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 68, filwaqt li tistabbilixxi u tirrieżamina*** perjodikament, żewġ listi, li juru l-elementi ta' prova u xhieda ċirkostanzjali relevanti skont il-kriterji stabbiliti fil-punti (a) u (b) ta' dan il-paragrafu.

Or. en

Emenda 1725
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 4 – punt a – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) l-Istati Membri għandhom jipprovdu ***lill-Kumitat previst fl-Artikolu 67*** b'mudelli tat-tipi differenti ta' dokumenti amministrattivi, skont it-tipoloġija stabbilita fil-lista ta' provi formali;	(ii) L-Istati Membri għandhom jipprovdu ***lill-Kummissjoni*** b'mudelli tat-tipi differenti ta' dokumenti amministrattivi, skont it-tipoloġija stabbilita fil-lista ta' provi formali;

Or. en

Emenda 1726
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 4 – punt a – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) l-Istati Membri għandhom jipprovdu ***lill-Kumitat previst fl-Artikolu 67*** b'mudelli tat-tipi differenti ta' dokumenti amministrattivi, skont it-tipoloġija stabbilita fil-lista ta' provi formali;	(ii) L-Istati Membri għandhom jipprovdu ***lill-Kummissjoni*** b'mudelli tat-tipi differenti ta' dokumenti amministrattivi, skont it-tipoloġija stabbilita fil-lista ta' provi formali;

Or. en

Emenda 1727
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-Istat Membru rikjest għandu jirrikonoxxi r-responsabbiltà tiegħu ***jekk*** l-evidenza ċirkostanzjali ***tkun koerenti, verifikabbli u dettaljata biżżejjed biex tistabbilixxi responsabbiltà***.	6. L-Istat Membru rikjest għandu jirrikonoxxi r-responsabbiltà tiegħu ***wara li jqis*** l-evidenza ċirkostanzjali ***kollha disponibbli, inklużi ritratti, prova ta' kuntatt u dikjarazzjonijiet tax-xhieda biex jagħmel evalwazzjoni ġusta tar-relazzjoni***.

Or. en

Emenda 1728
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-Istat Membru rikjest għandu jirrikonoxxi r-responsabbiltà tiegħu ***jekk*** l-evidenza ċirkostanzjali ***tkun koerenti, verifikabbli u dettaljata biżżejjed biex tistabbilixxi responsabbiltà***.	6. L-Istat Membru rikjest għandu jirrikonoxxi r-responsabbiltà tiegħu ***wara li jqis*** l-evidenza ċirkostanzjali ***kollha disponibbli, inklużi ritratti, prova ta' kuntatt u dikjarazzjonijiet tax-xhieda biex jagħmel evalwazzjoni ġusta tar-relazzjoni***.

Or. en

Emenda 1729
Jadwiga Wiśniewska, Joachim Stanisław Brudziński, Patryk Jaki, Beata Kempa
f'isem il-Grupp ECR

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Meta l-Istat Membru rikjedenti jkun talab tweġiba urġenti skont l-Artikolu 29(2), l-Istat Membru rikjest għandu jwieġeb fil-perjodu mitlub jew, fin-nuqqas ta' dan, fi żmien ġimagħtejn mill-wasla tat-talba.	7. Meta l-Istat Membru rikjedenti jkun talab tweġiba urġenti skont l-Artikolu 29(2), l-Istat Membru rikjest għandu jwieġeb fil-perjodu mitlub jew, fin-nuqqas ta' dan, ***mill-inqas*** fi żmien ġimagħtejn mill-wasla tat-talba.

Or. pl

Emenda 1730
Nicola Procaccini

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Fejn l-Istat Membru rikjest ma	8. Fejn l-Istat Membru rikjest ma

joġġezzjonax għat-talba fil-perjodu ta' ***xahar*** stabbilit fil-paragrafu 1 bi tweġiba li tagħti raġunijiet sħaħ u dettaljati, jew fejn applikabbli fil-perjodu ta' ġimagħtejn stabbilit fil-paragrafi 2 u 7, dan għandu jitqies ekwivalenti għall-aċċettazzjoni tat-talba, u għandu jinvolvi l-obbligu li tittieħed ir-responsabbiltà tal-persuna, inkluż l-obbligu li jsiru provvedimenti għal arranġamenti xierqa għall-wasla.	joġġezzjonax għat-talba fil-perjodu ta' ***xahrejn*** stabbilit fil-paragrafu 1 bi tweġiba li tagħti raġunijiet sħaħ u dettaljati, jew fejn applikabbli fil-perjodu ta' ***xahar jew*** ġimagħtejn stabbilit ***rispettivament*** fil-paragrafi 2 u 7, dan għandu jitqies ekwivalenti għall-aċċettazzjoni tat-talba, u għandu jinvolvi l-obbligu li tittieħed ir-responsabbiltà tal-persuna, inkluż l-obbligu li jsiru provvedimenti għal arranġamenti xierqa għall-wasla.

Or. en

Emenda 1731
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Fejn l-Istat Membru rikjest ma joġġezzjonax għat-talba fil-perjodu ta' xahar stabbilit fil-paragrafu 1 bi tweġiba li tagħti raġunijiet sħaħ u ***dettaljati***, jew fejn applikabbli fil-perjodu ta' ġimagħtejn stabbilit fil-paragrafi 2 u 7, dan għandu jitqies ekwivalenti għall-aċċettazzjoni tat-talba, u għandu jinvolvi l-obbligu li tittieħed ir-responsabbiltà tal-persuna, inkluż l-obbligu li jsiru provvedimenti għal arranġamenti xierqa għall-wasla.	8. Fejn l-Istat Membru rikjest ma joġġezzjonax għat-talba fil-perjodu ta' xahar stabbilit fil-paragrafu 1 bi tweġiba li tagħti raġunijiet sħaħ u ***sostanzjati abbażi tać-ċirkostanzi kollha tal-każ***, jew fejn applikabbli fil-perjodu ta' ġimagħtejn stabbilit fil-paragrafi 2 u 7, dan għandu jitqies ekwivalenti għall-aċċettazzjoni tat-talba, u għandu jinvolvi l-obbligu li tittieħed ir-responsabbiltà tal-persuna, inkluż l-obbligu li jsiru provvedimenti għal arranġamenti xierqa għall-wasla.

Or. en

Emenda 1732
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Fejn l-Istat Membru rikjest ma joġġezzjonax għat-talba fil-perjodu ta' xahar stabbilit fil-paragrafu 1 bi tweġiba li tagħti raġunijiet sħaħ u dettaljati, jew fejn applikabbli fil-perjodu ta' ***ġimagħtejn*** stabbilit fil-paragrafi 2 u 7, dan għandu jitqies ekwivalenti għall-aċċettazzjoni tat-talba, u għandu jinvolvi l-obbligu li tittieħed ir-responsabbiltà tal-persuna, inkluż l-obbligu li jsiru provvedimenti għal arranġamenti xierqa għall-wasla.	8. Fejn l-Istat Membru rikjest ma joġġezzjonax għat-talba fil-perjodu ta' xahar stabbilit fil-paragrafu 1 bi tweġiba li tagħti raġunijiet sħaħ u dettaljati, jew fejn applikabbli fil-perjodu ta' ***erbat ijiem tax-xogħol*** stabbilit fil-paragrafi 2 u 7, dan għandu jitqies ekwivalenti għall-aċċettazzjoni tat-talba, u għandu jinvolvi l-obbligu li tittieħed ir-responsabbiltà tal-persuna, inkluż l-obbligu li jsiru provvedimenti għal arranġamenti xierqa għall-wasla.

Or. en

Emenda 1733
Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Parti III – Kapitolu V – Taqsima III – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
III lura Il-proċeduri ***għan-notifiki*** tat-teħid	III lura Il-proċeduri ***għat-talbiet*** tat-teħid

Or. en

Emenda 1734
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Parti III – Kapitolu V – Taqsima III – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
III lura Il-proċeduri ***għan-notifiki*** tat-teħid	III lura Il-proċeduri ***għat-talbiet*** tat-teħid

Or. en

Emenda 1735
Nicola Procaccini

Proposta għal regolament
Parti III – Kapitolu V – Taqsima III – titolu

Test propost mill-Kummissjoni		*Emenda*	
III lura	Il-proċeduri ***għan-notifiki*** tat-teħid	III lura	Il-proċeduri ***għat-talbiet*** tat-teħid

Or. en

Emenda 1736
Damien Carême

Proposta għal regolament
Parti III – Kapitolu V – Taqsima III – titolu

Test propost mill-Kummissjoni		*Emenda*	
III lura	Il-proċeduri ***għan-notifiki*** tat-teħid	III lura	Il-proċeduri ***għat-talbiet*** tat-teħid

Or. en

Emenda 1737
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Parti III – Kapitolu V – Taqsima III – titolu

Test propost mill-Kummissjoni		*Emenda*	
III lura	Il-proċeduri ***għan-notifiki*** tat-teħid	III lura	Il-proċeduri ***għat-talbiet*** tat-teħid
			(Din l-emenda tapplika għat-test kollu.)

Or. en

Emenda 1738
Laura Ferrara, Sabrina Pignedoli

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Is-sottomissjoni ta' ***notifika*** ta' teħid lura	Is-sottomissjoni ta' ***talba*** ta' teħid lura

Or. it

Emenda 1739
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Is-sottomissjoni ta' ***notifika*** ta' teħid lura	Is-sottomissjoni ta' ***talba*** ta' teħid lura

Or. en

Emenda 1740
Nicola Procaccini

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
31 Is-sottomissjoni ta' ***notifika*** ta' teħid lura	31 Is-sottomissjoni ta' ***talba*** ta' teħid lura

Or. en

Emenda 1741
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

Is-sottomissjoni ta' ***notifika*** ta' teħid lura	Is-sottomissjoni ta' ***talba*** ta' teħid lura

Or. en

Emenda 1742
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Is-sottomissjoni ta' ***notifika*** ta' teħid lura	Is-sottomissjoni ta' ***talba*** ta' teħid lura

Or. en

Emenda 1743
Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Is-sottomissjoni ta' ***notifika*** ta' teħid lura	Is-sottomissjoni ta' ***talba*** ta' teħid lura

Or. en

Emenda 1744
Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Juan Ignacio Zoido Álvarez, Loucas Fourlas

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. F'sitwazzjoni msemmija fl-Artikolu 26(1), il-punt (b), (c) jew (d), l-Istat Membru fejn il-persuna tkun preżenti għandu jagħmel ***notifika*** ta' teħid lura ***mingħajr dewmien*** u fi kwalunkwe każ fi żmien ġimagħtejn wara li jirċievi l-hit tal-	1. F'sitwazzjoni msemmija fl-Artikolu 26(1), il-punt (b), (c) jew (d), l-Istat Membru fejn il-persuna tkun preżenti għandu jagħmel ***talba*** ta' teħid lura ***immedjatament*** u fi kwalunkwe każ fi żmien ġimagħtejn wara li jirċievi l-hit tal-

Eurodac.	Eurodac. ***Meta t-talba ta' teħid lura ma ssirx fil-perjodi stabbiliti fil-paragrafu 1, ir-responsabbiltà għall-eżami tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandha tkun tal-Istat Membru rikjedenti.***

Or. en

Emenda 1745
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. F'sitwazzjoni msemmija fl-Artikolu 26(1) il-punt (b), ***(c) jew (d)*** l-Istat Membru fejn il-persuna tkun preżenti għandu jagħmel ***notifika*** ta' teħid lura mingħajr dewmien u fi kwalunkwe każ fi żmien ġimagħtejn wara li jirċievi l-hit tal-Eurodac.	1. F'sitwazzjoni msemmija fl-Artikolu 26(1), il-punt (b), l-Istat Membru fejn il-persuna tkun preżenti għandu jagħmel ***talba*** ta' teħid lura mingħajr dewmien u fi kwalunkwe każ fi żmien ġimagħtejn wara li jirċievi l-hit tal-Eurodac. ***Meta t-talba ta' teħid lura ma ssirx fil-limitu ta' żmien stabbilit, ir-responsabbiltà għall-eżami tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandha tkun tal-Istat Membru fejn l-applikat ikun preżenti.***

Or. en

Emenda 1746
Jadwiga Wiśniewska, Joachim Stanisław Brudziński, Patryk Jaki, Beata Kempa
f'isem il-Grupp ECR

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. F'sitwazzjoni msemmija fl-	1. F'sitwazzjoni msemmija fl-

Artikolu 26(1), il-punt (b), (c) jew (d), l-Istat Membru fejn il-persuna tkun preżenti għandu jagħmel notifika ta' teħid lura mingħajr dewmien u fi kwalunkwe każ fi żmien ***ġimagħtejn*** wara li jirċievi l-hit tal-Eurodac.	Artikolu 26(1), il-punt (b), (c) jew (d), l-Istat Membru fejn il-persuna tkun preżenti għandu jagħmel notifika ta' teħid lura mingħajr dewmien u fi kwalunkwe każ fi żmien ***xahar*** wara li jirċievi l-hit tal-Eurodac.

Or. pl

Emenda 1747
Nicola Procaccini

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. F'sitwazzjoni msemmija fl-Artikolu 26(1), il-punt (b), (c) jew (d), l-Istat Membru fejn il-persuna tkun preżenti għandu jagħmel ***notifika*** ta' teħid lura mingħajr dewmien u fi kwalunkwe każ fi żmien ***ġimagħtejn*** wara li jirċievi l-hit tal-Eurodac.	1. F'sitwazzjoni msemmija fl-Artikolu 26(1), il-punt (b), (c) jew (d), l-Istat Membru fejn il-persuna tkun preżenti għandu jagħmel ***talba*** ta' teħid lura mingħajr dewmien u fi kwalunkwe każ fi żmien ***xahrejn*** wara li jirċievi l-hit tal-Eurodac.

Or. en

Emenda 1748
Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. F'sitwazzjoni msemmija fl-Artikolu 26(1), il-punt (b), (c) jew (d), l-Istat Membru fejn il-persuna tkun preżenti għandu jagħmel ***notifika*** ta' teħid lura mingħajr dewmien u fi kwalunkwe każ fi żmien ġimagħtejn wara li jirċievi l-hit tal-Eurodac.	1. F'sitwazzjoni msemmija fl-Artikolu 26(1), il-punt (b), (c) jew (d), l-Istat Membru fejn il-persuna tkun preżenti għandu jagħmel ***talba*** ta' teħid lura mingħajr dewmien u fi kwalunkwe każ fi żmien ġimagħtejn wara li jirċievi l-hit tal-Eurodac.

Or. en

Emenda 1749
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. F'sitwazzjoni msemmija fl-Artikolu 26(1), il-punt (b), (c) jew (d), l-Istat Membru fejn il-persuna tkun preżenti għandu jagħmel ***notifika*** ta' teħid lura mingħajr dewmien u fi kwalunkwe każ fi żmien ġimagħtejn wara li jirċievi l-hit tal-Eurodac.	1. F'sitwazzjoni msemmija fl-Artikolu 26(1), il-punt (b), (c) jew (d), l-Istat Membru fejn il-persuna tkun preżenti għandu jagħmel ***talba*** ta' teħid lura mingħajr dewmien u fi kwalunkwe każ fi żmien ġimagħtejn wara li jirċievi l-hit tal-Eurodac.

Or. en

Emenda 1750
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. F'sitwazzjoni msemmija fl-Artikolu 26(1), il-punt (b)***, (c) jew (d)***, l-Istat Membru fejn il-persuna tkun preżenti għandu jagħmel ***notifika*** ta' teħid lura mingħajr dewmien u fi kwalunkwe każ fi żmien ġimagħtejn wara li jirċievi l-hit tal-Eurodac.	1. F'sitwazzjoni msemmija fl-Artikolu 26(1), il-punt (b), l-Istat Membru fejn il-persuna tkun preżenti għandu jagħmel ***talba*** ta' teħid lura mingħajr dewmien u fi kwalunkwe każ fi żmien ġimagħtejn wara li jirċievi l-hit tal-Eurodac.

Or. en

Emenda 1751
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta jkun hemm riskju sinifikanti li l-persuna taħrab, l-Istati Membri jistgħu jżommu lill-persuna kkonċernata taħt detenzjoni sabiex jiżguraw proċeduri ta' trasferiment skont dan ir-Regolament, fuq il-bażi ta' valutazzjoni individwali u biss diment li d-detenzjoni tkun proporzjonali***, u jekk miżuri alternattivi oħra inqas koerżivi ma jkunux jistgħu jiġu applikati b'mod effettiv***, abbażi ta' valutazzjoni ***individwali*** taċ-ċirkostanzi ***tal-persuna***.	2. Meta jkun hemm riskju sinifikanti li l-persuna taħrab, l-Istati Membri jistgħu jżommu lill-persuna kkonċernata taħt detenzjoni sabiex jiżguraw proċeduri ta' trasferiment skont dan ir-Regolament, fuq il-bażi ta' valutazzjoni individwali u biss diment li d-detenzjoni tkun proporzjonal, abbażi ta' valutazzjoni taċ-ċirkostanzi.

Or. en

Emenda 1869
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Meta*** jkun hemm riskju ***sinifikanti*** li l-persuna taħrab, l-Istati Membri jistgħu jżommu ***lill-persuna kkonċernata*** taħt detenzjoni sabiex jiżguraw proċeduri ta' trasferiment skont dan ir-Regolament, fuq il-bażi ta' valutazzjoni individwali u biss diment li d-detenzjoni tkun proporzjonali, u jekk miżuri alternattivi oħra inqas koerżivi ma jkunux jistgħu jiġu applikati b'mod effettiv, abbażi ta' valutazzjoni individwali taċ-ċirkostanzi tal-persuna.	2. ***F'każ biss li*** jkun hemm riskju ***serju u ppruvat*** li l-persuna taħrab ***u bħala miżura tal-aħħar għażla***, l-Istati Membri jistgħu jżommu ***lill-applikant*** taħt detenzjoni sabiex jiżguraw proċeduri ta' trasferiment skont dan ir-Regolament, fuq il-bażi ta' valutazzjoni individwali u biss diment li d-detenzjoni tkun proporzjonali, u jekk miżuri alternattivi oħra inqas koerżivi ma jkunux jistgħu jiġu applikati b'mod effettiv, abbażi ta' valutazzjoni individwali taċ-ċirkostanzi tal-persuna.

Or. en

Emenda 1870
Maria Walsh, Deirdre Clune, Seán Kelly, Frances Fitzgerald, Colm Markey

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta jkun hemm riskju sinifikanti li l-persuna taħrab, l-Istati Membri jistgħu jżommu lill-persuna kkonċernata taħt detenzjoni sabiex jiżguraw proċeduri ta' trasferiment skont dan ir-Regolament, fuq il-bażi ta' valutazzjoni individwali u biss diment li d-detenzjoni tkun proporzjonali, u jekk miżuri alternattivi oħra inqas koerżivi ma jkunux jistgħu jiġu applikati b'mod effettiv, abbażi ta' valutazzjoni individwali taċ-ċirkostanzi tal-persuna.	*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

Or. en

Emenda 1871
Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-Istati Membri għandhom iżommu f'detenzjoni applikant li jirrappreżenta periklu għas-sigurtà nazzjonali u għall-ordni pubbliku u għal kwalunkwe raġuni oħra li tista' titqies rilevanti skont id-dritt nazzjonali.

Or. en

Emenda 1872
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Id-detenzjoni għandha tkun għal żmien qasir kemm jista' jkun u ma għandhiex tkun għal iżjed miż-żmien li raġonevolment huwa meħtieġ sabiex jiġu ssodisfati l-proċeduri amministrattivi meħtieġa b'diliġenza dovuta sakemm jitwettaq it-trasferiment taħt dan ir-Regolament.	3. Id-detenzjoni għandha tkun għal żmien qasir kemm jista' jkun u ma għandhiex tkun għal iżjed miż-żmien li raġonevolment huwa meħtieġ sabiex jiġu ssodisfati l-proċeduri amministrattivi meħtieġa b'diliġenza dovuta sakemm jitwettaq it-trasferiment taħt dan ir-Regolament. ***Id-detenzjoni qatt ma tkun fl-aħjar interessi tat-tfal u d-detenzjoni tal-minorenni skont dan ir-Regolament għandha għalhekk tiġi pprojbita. L-Istati Membri għandhom jakkomodaw lil minorenni u lil familji b'minorenni f'postijiet mhux kustodjali, ibbażati fil-komunità filwaqt li tkun qed tiġi pproċessata l-applikazzjoni tagħhom. It-tfal mhux akkumpanjati għandhom jitqiegħdu f'ambjenti ta' kura alternattiva xierqa fis-sistema nazzjonali għall-protezzjoni tat-tfal f'konformità mal-aħjar***

interessi tagħhom u filwaqt li jitqiesu l-fehmiet tagħhom.

Or. en

Emenda 1873
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***Id-detenzjoni għandha tkun għal żmien qasir kemm jista' jkun u ma għandhiex tkun għal iżjed miż-żmien li raġonevolment huwa meħtieġ sabiex jiġu ssodisfati l-proċeduri amministrattivi meħtieġa b'diliġenza dovuta sakemm jitwettaq it-trasferiment taħt dan ir-Regolament***.	3. ***It-tul u l-kundizzjonijiet għad-detenzjoni għandhom jiġu determinati mil-leġiżlazzjoni nazzjonali***.

Or. en

Emenda 1874
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Birgit Sippel, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Id-detenzjoni għandha tkun għal żmien qasir kemm jista' jkun u ma għandhiex tkun għal iżjed miż-żmien li raġonevolment huwa meħtieġ sabiex jiġu ssodisfati l-proċeduri amministrattivi meħtieġa b'diliġenza dovuta sakemm jitwettaq it-trasferiment taħt dan ir-Regolament.	3. Id-detenzjoni għandha tkun għal żmien qasir kemm jista' jkun u ma għandhiex tkun għal iżjed miż-żmien li raġonevolment huwa meħtieġ sabiex jiġu ssodisfati l-proċeduri amministrattivi meħtieġa b'diliġenza dovuta sakemm jitwettaq it-trasferiment taħt dan ir-Regolament***, u fi kwalunkwe każ ma għandhiex taqbeż it-tliet xhur***.

Or. en

Emenda 1875
Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Id-detenzjoni għandha tkun għal żmien qasir ***kemm jista' jkun u ma għandhiex tkun għal iżjed miż-żmien li raġonevolment huwa*** meħtieġ sabiex jiġu ssodisfati l-proċeduri amministrattivi meħtieġa b'diliġenza dovuta sakemm jitwettaq it-trasferiment taħt dan ir-Regolament.	3. Id-detenzjoni għandha tkun għal żmien qasir ***sakemm ikun*** meħtieġ sabiex jiġu ssodisfati l-proċeduri amministrattivi meħtieġa b'diliġenza dovuta sakemm jitwettaq it-trasferiment taħt dan ir-Regolament.l

Or. en

Emenda 1876
Nicola Procaccini

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Id-detenzjoni ***għandha tkun għal żmien qasir kemm jista' jkun u*** ma għandhiex tkun għal iżjed miż-żmien li raġonevolment huwa meħtieġ sabiex jiġu ssodisfati l-proċeduri amministrattivi meħtieġa b'diliġenza dovuta sakemm jitwettaq it-trasferiment taħt dan ir-Regolament.	3. Id-detenzjoni ma għandhiex tkun għal iżjed miż-żmien li raġonevolment huwa meħtieġ sabiex jiġu ssodisfati l-proċeduri amministrattivi meħtieġa b'diliġenza dovuta sakemm jitwettaq it-trasferiment taħt dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 1877
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn applikant jew persuna oħra li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 26(1)(b)(c) jew (d) tinżamm taħt detenzjoni skont dan l-Artikolu, il-perjodu għall-preżentazzjoni ta' talba biex tittieħed ir-responsabbilità jew għat-teħid lura ma għandux ikun itwal minn ***ġimgħatejn*** mir-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni. Fejn persuna tinżamm detenuta fi stadju aktar tard mir-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni, il-perjodu għas-sottomissjoni ta' talba għat-teħid tar-responsabbilità jew notifika ta' teħid lura ma għandux jaqbeż ***ġimgħa*** mid-data li fiha l-persuna tpoġġiet taħt detenzjoni. ***L-Istat Membru li jwettaq il-proċedura f'konformità ma' dan ir-Regolament għandu jitlob tweġiba urġenti għal talba għal teħid tar-responsabbilità. Tali tweġiba għandha tingħata fi żmien ġimgħa minn meta jirċievi t-talba għat-teħid tar-responsabbilità. Nuqqas ta' tweġiba fil-perjodu ta' ġimgħa għandu jkollu l-istess effett bħall-aċċettazzjoni tat-talba ta' responsabbilità, u għandu jinvolvi l-obbligu li jieħu responsabbilità ta' persuna, inkluż l-obbligu li jagħmel arranġamenti xierqa għall-wasla.***	Fejn applikant jew persuna oħra li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 26(1)(b)(c) jew (d) tinżamm taħt detenzjoni skont dan l-Artikolu, il-perjodu għall-preżentazzjoni ta' talba biex tittieħed ir-responsabbilità jew għat-teħid lura ma għandux ikun itwal minn ***xahrejn*** mir-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni. Fejn persuna tinżamm detenuta fi stadju aktar tard mir-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni, il-perjodu għas-sottomissjoni ta' talba għat-teħid tar-responsabbilità jew notifika ta' teħid lura ma għandux jaqbeż ***xahar*** mid-data li fiha l-persuna tpoġġiet taħt detenzjoni.

Or. en

Emenda 1878
Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn applikant jew persuna oħra li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 26(1)(b)(c) jew (d) tinżamm taħt detenzjoni skont dan l-Artikolu, il-perjodu għall-preżentazzjoni ta' talba biex tittieħed ir-responsabbilità jew għat-teħid lura ma	Fejn applikant jew persuna oħra li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 26(1)(b)(c) jew (d) tinżamm taħt detenzjoni skont dan l-Artikolu, il-perjodu għall-preżentazzjoni ta' talba biex tittieħed ir-responsabbilità jew għat-teħid lura ma

għandux ikun itwal minn ***ġimgħatejn*** mir-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni. Fejn persuna tinżamm detenuta fi stadju aktar tard mir-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni, il-perjodu għas-sottomissjoni ta' talba għat-teħid tar-responsabbilità jew notifika ta' teħid lura ma għandux jaqbeż ***ġimgħa*** mid-data li fiha l-persuna tpoġġiet taħt detenzjoni. L-Istat Membru li jwettaq il-proċedura f'konformità ma' dan ir-Regolament għandu jitlob tweġiba urġenti għal talba għal teħid tar-responsabbilità. Tali tweġiba għandha tingħata fi żmien ***ġimgħa*** minn meta jirċievi t-talba għat-teħid tar-responsabbilità. Nuqqas ta' tweġiba fil-perjodu ta' ***ġimgħa*** għandu jkollu l-istess effett bħall-aċċettazzjoni tat-talba ta' responsabbilità, u għandu jinvolvi l-obbligu li jieħu responsabbilità ta' persuna, inkluż l-obbligu li jagħmel arranġamenti xierqa għall-wasla.

għandux ikun itwal minn ***xahrejn*** mir-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni. Fejn persuna tinżamm detenuta fi stadju aktar tard mir-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni, il-perjodu għas-sottomissjoni ta' talba għat-teħid tar-responsabbilità jew notifika ta' teħid lura ma għandux jaqbeż ***ġimagħtejn*** mid-data li fiha l-persuna tpoġġiet taħt detenzjoni. L-Istat Membru li jwettaq il-proċedura f'konformità ma' dan ir-Regolament għandu jitlob tweġiba urġenti għal talba għal teħid tar-responsabbilità. Tali tweġiba għandha tingħata fi żmien ***ġimagħtejn*** minn meta jirċievi t-talba għat-teħid tar-responsabbilità. Nuqqas ta' tweġiba fil-perjodu ta' ***ġimagħtejn*** għandu jkollu l-istess effett bħall-aċċettazzjoni tat-talba ta' responsabbilità, u għandu jinvolvi l-obbligu li jieħu responsabbilità ta' persuna, inkluż l-obbligu li jagħmel arranġamenti xierqa għall-wasla.

Or. en

Emenda 1879
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn applikant ***jew persuna oħra li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 26(1)(b)(c) jew (d) tinżamm*** taħt detenzjoni skont dan l-Artikolu, il-perjodu għall-preżentazzjoni ta' talba biex tittieħed ir-responsabbilità jew għat-teħid lura ma għandux ikun itwal minn ġimgħatejn mir-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni. Fejn persuna tinżamm detenuta fi stadju aktar tard mir-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni, il-perjodu għas-sottomissjoni ta' talba għat-teħid tar-responsabbilità jew ***notifika*** ta' teħid lura ma għandux jaqbeż ġimgħa mid-data li fiha l-persuna tpoġġiet taħt detenzjoni. L-Istat Membru li jwettaq il-	Fejn applikant ***jinżamm*** taħt detenzjoni skont dan l-Artikolu, il-perjodu għall-preżentazzjoni ta' talba biex tittieħed ir-responsabbilità jew għat-teħid lura ma għandux ikun itwal minn ġimgħatejn mir-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni. Fejn persuna tinżamm detenuta fi stadju aktar tard mir-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni, il-perjodu għas-sottomissjoni ta' talba għat-teħid tar-responsabbilità jew ***talba*** ta' teħid lura ma għandux jaqbeż ġimgħa mid-data li fiha l-persuna tpoġġiet taħt detenzjoni. L-Istat Membru li jwettaq il-proċedura f'konformità ma' dan ir-Regolament għandu jitlob tweġiba urġenti għal talba

proċedura f'konformità ma' dan ir-Regolament għandu jitlob tweġiba urġenti għal talba għal teħid tar-responsabbilità. Tali tweġiba għandha tingħata fi żmien ġimgħa minn meta jirċievi t-talba għat-teħid tar-responsabbilità. Nuqqas ta' tweġiba fil-perjodu ta' ġimgħa għandu jkollu l-istess effett bħall-aċċettazzjoni tat-talba ta' responsabbilità, u għandu jinvolvi l-obbligu li jieħu responsabbilità ta' persuna, inkluż l-obbligu li jagħmel arranġamenti xierqa għall-wasla.	għal teħid tar-responsabbilità. Tali tweġiba għandha tingħata fi żmien ġimgħa minn meta jirċievi t-talba għat-teħid tar-responsabbilità. Nuqqas ta' tweġiba fil-perjodu ta' ġimgħa għandu jkollu l-istess effett bħall-aċċettazzjoni tat-talba ta' responsabbilità, u għandu jinvolvi l-obbligu li jieħu responsabbilità ta' persuna, inkluż l-obbligu li jagħmel arranġamenti xierqa għall-wasla.

Or. en

Emenda 1880
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn applikant jew persuna oħra li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 26(1)(b)(c) jew (d) tinżamm taħt detenzjoni ***skont dan l-Artikolu***, il-perjodu għall-preżentazzjoni ta' talba biex tittieħed ir-responsabbilità jew għat-teħid lura ma għandux ikun itwal minn ġimgħatejn mir-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni. Fejn persuna tinżamm detenuta fi stadju aktar tard mir-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni, il-perjodu għas-sottomissjoni ta' talba għat-teħid tar-responsabbilità jew ***notifika*** ta' teħid lura ma għandux jaqbeż ġimgħa mid-data li fiha l-persuna tpoġġiet taħt detenzjoni. L-Istat Membru li jwettaq il-proċedura f'konformità ma' dan ir-Regolament għandu jitlob tweġiba urġenti għal talba għal teħid tar-responsabbilità. Tali tweġiba għandha tingħata fi żmien ġimgħa minn meta jirċievi t-talba għat-teħid tar-responsabbilità. Nuqqas ta' tweġiba fil-perjodu ta' ġimgħa għandu jkollu l-istess effett bħall-aċċettazzjoni tat-	Fejn applikant jew persuna oħra li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 26(1)(b)(c) jew (d) tinżamm taħt detenzjoni, il-perjodu għall-preżentazzjoni ta' talba biex tittieħed ir-responsabbilità jew għat-teħid lura ma għandux ikun itwal minn ġimgħatejn mir-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni. Fejn persuna tinżamm detenuta fi stadju aktar tard mir-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni, il-perjodu għas-sottomissjoni ta' talba għat-teħid tar-responsabbilità jew ***talba*** ta' teħid lura ma għandux jaqbeż ġimgħa mid-data li fiha l-persuna tpoġġiet taħt detenzjoni. L-Istat Membru li jwettaq il-proċedura f'konformità ma' dan ir-Regolament għandu jitlob tweġiba urġenti għal talba għal teħid tar-responsabbilità. Tali tweġiba għandha tingħata fi żmien ġimgħa minn meta jirċievi t-talba għat-teħid tar-responsabbilità. Nuqqas ta' tweġiba fil-perjodu ta' ġimgħa għandu jkollu l-istess effett bħall-aċċettazzjoni tat-talba ta'

talba ta' responsabbilità, u għandu jinvolvi l-obbligu li jieħu responsabbilità ta' persuna, inkluż l-obbligu li jagħmel arranġamenti xierqa għall-wasla.	responsabbilità, u għandu jinvolvi l-obbligu li jieħu responsabbilità ta' persuna, inkluż l-obbligu li jagħmel arranġamenti xierqa għall-wasla.

Or. en

Emenda 1881
Nicola Procaccini

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn applikant jew persuna oħra li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 26(1)(b)(c) jew (d) tinżamm taħt detenzjoni skont dan l-Artikolu, il-perjodu għall-preżentazzjoni ta' talba biex tittieħed ir-responsabbilità jew għat-teħid lura ma għandux ikun itwal minn ***ġimgħatejn*** mir-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni. Fejn persuna tinżamm detenuta fi stadju aktar tard mir-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni, il-perjodu għas-sottomissjoni ta' talba għat-teħid tar-responsabbilità jew ***notifika*** ta' teħid lura ma għandux jaqbeż ***ġimgħa*** mid-data li fiha l-persuna tpoġġiet taħt detenzjoni. L-Istat Membru li jwettaq il-proċedura f'konformità ma' dan ir-Regolament għandu jitlob tweġiba urġenti għal talba għal teħid tar-responsabbilità. Tali tweġiba għandha tingħata fi żmien ***ġimgħa*** minn meta jirċievi t-talba għat-teħid tar-responsabbilità. Nuqqas ta' tweġiba fil-perjodu ta' ***ġimgħa*** għandu jkollu l-istess effett bħall-aċċettazzjoni tat-talba ta' responsabbilità, u għandu jinvolvi l-obbligu li jieħu responsabbilità ta' persuna, inkluż l-obbligu li jagħmel arranġamenti xierqa għall-wasla.	Fejn applikant jew persuna oħra li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 26(1)(b)(c) jew (d) tinżamm taħt detenzjoni skont dan l-Artikolu, il-perjodu għall-preżentazzjoni ta' talba biex tittieħed ir-responsabbilità jew għat-teħid lura ma għandux ikun itwal minn ***xahar*** mir-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni. Fejn persuna tinżamm detenuta fi stadju aktar tard mir-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni, il-perjodu għas-sottomissjoni ta' talba għat-teħid tar-responsabbilità jew ***talba*** ta' teħid lura ma għandux jaqbeż ***ġimagħtejn*** mid-data li fiha l-persuna tpoġġiet taħt detenzjoni. L-Istat Membru li jwettaq il-proċedura f'konformità ma' dan ir-Regolament għandu jitlob tweġiba urġenti għal talba għal teħid tar-responsabbilità. Tali tweġiba għandha tingħata fi żmien ***ġimagħtejn*** minn meta jirċievi t-talba għat-teħid tar-responsabbilità. Nuqqas ta' tweġiba fil-perjodu ta' ***ġimagħtejn*** għandu jkollu l-istess effett bħall-aċċettazzjoni tat-talba ta' responsabbilità, u għandu jinvolvi l-obbligu li jieħu responsabbilità ta' persuna, inkluż l-obbligu li jagħmel arranġamenti xierqa għall-wasla.

Or. en

Emenda 1882
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn applikant jew persuna oħra li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 26(1)(b)***(c) jew (d)***tinżamm taħt detenzjoni skont dan l-Artikolu, il-perjodu għall-preżentazzjoni ta' talba biex tittieħed ir-responsabbilità jew għat-teħid lura ma għandux ikun itwal minn ***ġimgħatejn*** mir-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni. Fejn persuna tinżamm detenuta fi stadju aktar tard mir-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni, il-perjodu għas-sottomissjoni ta' talba għat-teħid tar-responsabbilità jew ***notifika*** ta' teħid lura ma għandux jaqbeż ***ġimgħa*** mid-data li fiha l-persuna tpoġġiet taħt detenzjoni. L-Istat Membru li jwettaq il-proċedura f'konformità ma' dan ir-Regolament għandu jitlob tweġiba urġenti għal talba għal teħid tar-responsabbilità. Tali tweġiba għandha tingħata fi żmien ***ġimgħa*** minn meta jirċievi t-talba għat-teħid tar-responsabbilità. Nuqqas ta' tweġiba fil-perjodu ta' ***ġimgħa*** għandu jkollu l-istess effett bħall-aċċettazzjoni tat-talba ta' responsabbilità, u għandu jinvolvi l-obbligu li jieħu responsabbilità ta' persuna, inkluż l-obbligu li jagħmel arranġamenti xierqa għall-wasla.	Fejn applikant jew persuna oħra li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 26(1)(b) tinżamm taħt detenzjoni skont dan l-Artikolu, il-perjodu għall-preżentazzjoni ta' talba biex tittieħed ir-responsabbilità jew għat-teħid lura ma għandux ikun itwal minn ***xahar*** mir-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni. Fejn persuna tinżamm detenuta fi stadju aktar tard mir-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni, il-perjodu għas-sottomissjoni ta' talba għat-teħid tar-responsabbilità jew ***talba*** ta' teħid lura ma għandux jaqbeż ***ġimagħtejn*** mid-data li fiha l-persuna tpoġġiet taħt detenzjoni. L-Istat Membru li jwettaq il-proċedura f'konformità ma' dan ir-Regolament għandu jitlob tweġiba urġenti għal talba għal teħid tar-responsabbilità. Tali tweġiba għandha tingħata fi żmien ***ġimagħtejn*** minn meta jirċievi t-talba għat-teħid tar-responsabbilità. Nuqqas ta' tweġiba fil-perjodu ta' ***ġimagħtejn*** għandu jkollu l-istess effett bħall-aċċettazzjoni tat-talba ta' responsabbilità, u għandu jinvolvi l-obbligu li jieħu responsabbilità ta' persuna, inkluż l-obbligu li jagħmel arranġamenti xierqa għall-wasla.

Or. en

Emenda 1883
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Birgit Sippel, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn applikant jew persuna oħra li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 26(1)(b)***(c) jew (d)***tinżamm taħt detenzjoni skont dan l-Artikolu, il-perjodu għall-preżentazzjoni ta' talba biex tittieħed ir-responsabbilità jew għat-teħid lura ma għandux ikun itwal minn ġimgħatejn mir-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni. Fejn persuna tinżamm detenuta fi stadju aktar tard mir-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni, il-perjodu għas-sottomissjoni ta' talba għat-teħid tar-responsabbilità jew notifika ta' teħid lura ma għandux jaqbeż ġimgħa mid-data li fiha l-persuna tpoġġiet taħt detenzjoni. L-Istat Membru li jwettaq il-proċedura f'konformità ma' dan ir-Regolament għandu jitlob tweġiba urġenti għal talba għal teħid tar-responsabbilità. Tali tweġiba għandha tingħata fi żmien ġimgħa minn meta jirċievi t-talba għat-teħid tar-responsabbilità. Nuqqas ta' tweġiba fil-perjodu ta' ġimgħa għandu jkollu l-istess effett bħall-aċċettazzjoni tat-talba ta' responsabbilità, u għandu jinvolvi l-obbligu li jieħu responsabbilità ta' persuna, inkluż l-obbligu li jagħmel arranġamenti xierqa għall-wasla.	Fejn applikant jew persuna oħra li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 26(1)(b) tinżamm taħt detenzjoni skont dan l-Artikolu, il-perjodu għall-preżentazzjoni ta' talba biex tittieħed ir-responsabbilità jew għat-teħid lura ma għandux ikun itwal minn ġimgħatejn mir-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni. Fejn persuna tinżamm detenuta fi stadju aktar tard mir-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni, il-perjodu għas-sottomissjoni ta' talba għat-teħid tar-responsabbilità jew notifika ta' teħid lura ma għandux jaqbeż ġimgħa mid-data li fiha l-persuna tpoġġiet taħt detenzjoni. L-Istat Membru li jwettaq il-proċedura f'konformità ma' dan ir-Regolament għandu jitlob tweġiba urġenti għal talba għal teħid tar-responsabbilità. Tali tweġiba għandha tingħata fi żmien ġimgħa minn meta jirċievi t-talba għat-teħid tar-responsabbilità. Nuqqas ta' tweġiba fil-perjodu ta' ġimgħa għandu jkollu l-istess effett bħall-aċċettazzjoni tat-talba ta' responsabbilità, u għandu jinvolvi l-obbligu li jieħu responsabbilità ta' persuna, inkluż l-obbligu li jagħmel arranġamenti xierqa għall-wasla.

Or. en

Emenda 1884
Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta persuna tinżamm taħt detenzjoni skont dan l-Artikolu, it-trasferiment ta' dik il-persuna mill-Istat Membru rikjedenti jew mill-Istat Membru ***li jinnotifika*** lill-Istat Membru responsabbli għandu jitwettaq malajr kemm jista' jkun prattikament possibbli, u mhux aktar tard minn erba'	Meta persuna tinżamm taħt detenzjoni skont dan l-Artikolu, it-trasferiment ta' dik il-persuna mill-Istat Membru rikjedenti jew mill-Istat Membru ***rikjest*** lill-Istat Membru responsabbli għandu jitwettaq malajr kemm jista' jkun prattikament possibbli, u mhux aktar tard minn erba' ġimgħat minn:

ġimgħat minn:

Or. en

Emenda 1885
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta persuna tinżamm taħt detenzjoni skont dan l-Artikolu, it-trasferiment ta' dik il-persuna mill-Istat Membru rikjedenti jew mill-Istat Membru li jinnotifika lill-Istat Membru responsabbli għandu jitwettaq malajr kemm jista' jkun prattikament possibbli, u mhux aktar tard minn ***erba'*** ġimgħat minn:	Meta persuna tinżamm taħt detenzjoni skont dan l-Artikolu, it-trasferiment ta' dik il-persuna mill-Istat Membru rikjedenti jew mill-Istat Membru li jinnotifika lill-Istat Membru responsabbli għandu jitwettaq malajr kemm jista' jkun prattikament possibbli, u mhux aktar tard minn ***sitt*** ġimgħat minn:

Or. en

Emenda 1886
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta ***persuna tinżamm*** taħt detenzjoni skont dan l-Artikolu, it-trasferiment ta' dik il-persuna mill-Istat Membru rikjedenti ***jew mill-Istat Membru li jinnotifika*** lill-Istat Membru responsabbli għandu jitwettaq malajr kemm jista' jkun prattikament possibbli, u mhux aktar tard minn erba' ġimgħat minn:	Meta ***applikant jinżamm*** taħt detenzjoni skont dan l-Artikolu, it-trasferiment ta' dik il-persuna mill-Istat Membru rikjedenti lill-Istat Membru responsabbli għandu jitwettaq malajr kemm jista' jkun prattikament possibbli, u mhux aktar tard minn erba' ġimgħat minn:

Or. en

Emenda 1887

Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta persuna tinżamm taħt detenzjoni skont dan l-Artikolu, it-trasferiment ta' dik il-persuna mill-Istat Membru rikjedenti ***jew mill-Istat Membru li jinnotifika*** lill-Istat Membru responsabbli għandu jitwettaq malajr kemm jista' jkun prattikament possibbli, u mhux aktar tard minn erba' ġimgħat minn:	Meta persuna tinżamm taħt detenzjoni skont dan l-Artikolu, it-trasferiment ta' dik il-persuna mill-Istat Membru rikjedenti lill-Istat Membru responsabbli għandu jitwettaq malajr kemm jista' jkun prattikament possibbli, u mhux aktar tard minn erba' ġimgħat minn:

Or. en

Emenda 1888
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) id-data li fiha t-talba tkun ġiet aċċettata ***jew in-notifika tat-teħid lura tkun ġiet ikkonfermata, jew***	(a) id-data li fiha t-talba tkun ġiet aċċettata

Or. en

Emenda 1889
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) id-data li fiha t-talba tkun ġiet aċċettata ***jew in-notifika tat-teħid lura tkun ġiet ikkonfermata***, jew	(a) id-data li fiha t-talba tkun ġiet aċċettata, jew

Or. en

Emenda 1890
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 3 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta l-Istat Membru rikjedenti jew li jinnotifika jonqos milli jikkonforma mat-termini għas-sottomissjoni ta' talba għal teħid tar-responsabbilità jew għal notifika ta' teħid lura jew fejn id-deċiżjoni ta' trasferiment ma sseħħx fi ħdan it-terminu stabbilit fl-Artikolu 32(1) jew fejn it-trasferiment ma jseħħx fi ħdan il-perjodu ta' erba' ġimgħat imsemmi fit-tielet subparagrafu ta' dan il-paragrafu, il-persuna ma għandhiex tinżamm aktar taħt detenzjoni. L-Artikoli 29, 31 u 35 għandhom jibqgħu japplikaw skont dan.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1891
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 3 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta l-Istat Membru rikjedenti ***jew li jinnotifika*** jonqos milli jikkonforma mat-termini għas-sottomissjoni ta' talba għal teħid tar-responsabbilità jew għal ***notifika*** ta' teħid lura jew fejn id-deċiżjoni ta' trasferiment ma sseħħx fi ħdan it-terminu stabbilit fl-Artikolu 32(1) jew fejn it-trasferiment ma jseħħx fi ħdan il-perjodu ta' erba' ġimgħat imsemmi fit-tielet subparagrafu ta' dan il-paragrafu, il-	Meta l-Istat Membru rikjedenti jonqos milli jikkonforma mat-termini għas-sottomissjoni ta' talba għal teħid tar-responsabbilità jew għal ***talba*** ta' teħid lura jew fejn id-deċiżjoni ta' trasferiment ma sseħħx fi ħdan it-terminu stabbilit fl-Artikolu 32(1) jew fejn it-trasferiment ma jseħħx fi ħdan il-perjodu ta' erba' ġimgħat imsemmi fit-tielet subparagrafu ta' dan il-paragrafu, il-persuna ma għandhiex

persuna ma għandhiex tinżamm aktar taħt detenzjoni. L-Artikoli 29, 31 u 35 għandhom jibqgħu japplikaw skont dan.	tinżamm aktar taħt detenzjoni. L-Artikoli 29, 31 u 35 għandhom jibqgħu japplikaw skont dan.

Or. en

Emenda 1892
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 3 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta l-Istat Membru rikjedenti ***jew li jinnotifika*** jonqos milli jikkonforma mat-termini għas-sottomissjoni ta' talba għal teħid tar-responsabbilità jew għal ***notifika*** ta' teħid lura jew fejn id-deċiżjoni ta' trasferiment ma sseħħx fi ħdan it-terminu stabbilit fl-Artikolu 32(1) jew fejn it-trasferiment ma jseħħx fi ħdan il-perjodu ta' erba' ġimgħat imsemmi fit-tielet subparagrafu ta' dan il-paragrafu, il-persuna ma għandhiex tinżamm aktar taħt detenzjoni. L-Artikoli 29, 31 u 35 għandhom jibqgħu japplikaw skont dan.	Meta l-Istat Membru rikjedenti jonqos milli jikkonforma mat-termini għas-sottomissjoni ta' talba għal teħid tar-responsabbilità jew għal ***talba*** ta' teħid lura jew fejn id-deċiżjoni ta' trasferiment ma sseħħx fi ħdan it-terminu stabbilit fl-Artikolu 32(1) jew fejn it-trasferiment ma jseħħx fi ħdan il-perjodu ta' erba' ġimgħat imsemmi fit-tielet subparagrafu ta' dan il-paragrafu, il-persuna ma għandhiex tinżamm aktar taħt detenzjoni. L-Artikoli 29, 31 u 35 għandhom jibqgħu japplikaw skont dan.

Or. en

Emenda 1893
Nicola Procaccini

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 3 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta l-Istat Membru rikjedenti ***jew li jinnotifika*** jonqos milli jikkonforma mat-termini għas-sottomissjoni ta' talba għal teħid tar-responsabbilità jew għal ***notifika*** ta' teħid lura jew fejn id-deċiżjoni ta' trasferiment ma sseħħx fi ħdan it-terminu stabbilit fl-Artikolu 32(1) jew fejn it-	Meta l-Istat Membru rikjedenti jonqos milli jikkonforma mat-termini għas-sottomissjoni ta' talba għal teħid tar-responsabbilità jew għal ***talba*** ta' teħid lura jew fejn id-deċiżjoni ta' trasferiment ma sseħħx fi ħdan it-terminu stabbilit fl-Artikolu 32(1) jew fejn it-trasferiment ma

trasferiment ma jseħħx fi ħdan il-perjodu ta' ***erba'*** ġimgħat imsemmi fit-tielet subparagrafu ta' dan il-paragrafu, il-persuna ma għandhiex tinżamm aktar taħt detenzjoni. L-Artikoli 29, 31 u 35 għandhom jibqgħu japplikaw skont dan.	jseħħx fi ħdan il-perjodu ta' ***tmien*** ġimgħat imsemmi fit-tielet subparagrafu ta' dan il-paragrafu, il-persuna ma għandhiex tinżamm aktar taħt detenzjoni. L-Artikoli 29, 31 u 35 għandhom jibqgħu japplikaw skont dan.

Or. en

Emenda 1894
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Fejn ***persuna tinżamm*** taħt detenzjoni skont dan l-Artikolu, id-detenzjoni għandha tiġi ordnata bil-miktub mill-awtoritajiet ġudizzjarji. L-ordni tad-detenzjoni għandha tiddikjara r-raġunijiet fil-fatt u bi dritt li fuqhom hija bbażata.	4. Fejn ***applikant jinżamm*** taħt detenzjoni skont dan l-Artikolu, id-detenzjoni għandha tiġi ordnata bil-miktub mill-awtoritajiet ġudizzjarji. L-ordni tad-detenzjoni għandha tiddikjara r-raġunijiet fil-fatt u bi dritt li fuqhom hija bbażata ***u għandha tinkludi referenza għall-kunsiderazzjoni tal-alternattivi disponibbli u r-raġunijiet għaliex ma jkunux jistgħu jiġu applikati b'mod effettiv***.

Or. en

Emenda 1895
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Birgit Sippel, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Fejn persuna tinżamm taħt detenzjoni skont dan l-Artikolu, id-detenzjoni għandha tiġi ordnata bil-miktub mill-awtoritajiet ġudizzjarji. L-ordni tad-detenzjoni għandha tiddikjara r-raġunijiet	4. Fejn persuna tinżamm taħt detenzjoni skont dan l-Artikolu, id-detenzjoni għandha tiġi ordnata bil-miktub mill-awtoritajiet ġudizzjarji. L-ordni tad-detenzjoni għandha tiddikjara r-raġunijiet

fil-fatt u bi dritt li fuqhom hija bbażata.	fil-fatt u bi dritt li fuqhom hija bbażata ***u għandha tinkludi referenza għall-kunsiderazzjoni tal-alternattivi disponibbli u r-raġunijiet għaliex ma jkunux jistgħu jiġu applikati b'mod effettiv***.

Or. en

Emenda 1896
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Fejn persuna tinżamm taħt detenzjoni ***skont dan l-Artikolu***, id-detenzjoni għandha tiġi ordnata bil-miktub mill-awtoritajiet ġudizzjarji. L-ordni tad-detenzjoni għandha tiddikjara r-raġunijiet fil-fatt u bi dritt li fuqhom hija bbażata.	4. Fejn persuna tinżamm taħt detenzjoni, id-detenzjoni għandha tiġi ordnata bil-miktub mill-awtoritajiet ġudizzjarji. L-ordni tad-detenzjoni għandha tiddikjara r-raġunijiet fil-fatt u bi dritt li fuqhom hija bbażata ***u għandha tinkludi referenza għall-kunsiderazzjoni tal-alternattivi disponibbli u r-raġunijiet għaliex ma jkunux jistgħu jiġu applikati b'mod effettiv***.

Or. en

Emenda 1897
Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Fejn persuna tinżamm taħt detenzjoni skont dan l-Artikolu, id-detenzjoni għandha tiġi ordnata bil-miktub ***mill-awtoritajiet ġudizzjarji. L-ordni tad-detenzjoni għandha tiddikjara r-raġunijiet fil-fatt u bi dritt li fuqhom hija bbażata***.	4. Fejn persuna tinżamm taħt detenzjoni skont dan l-Artikolu, id-detenzjoni għandha tiġi ordnata bil-miktub ***mill-awtorità nazzjonali kompetenti***.

Or. en

Emenda 1898
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Fejn persuna tinżamm taħt detenzjoni skont dan l-Artikolu, id-detenzjoni għandha tiġi ordnata bil-miktub mill-awtoritajiet ġudizzjarji. L-ordni tad-detenzjoni għandha tiddikjara r-raġunijiet fil-fatt u bi dritt li fuqhom hija bbażata.	4. Fejn persuna tinżamm taħt detenzjoni skont dan l-Artikolu, id-detenzjoni għandha tiġi ordnata bil-miktub mill-awtoritajiet ***amministrattivi u*** ġudizzjarji. L-ordni tad-detenzjoni għandha tiddikjara r-raġunijiet fil-fatt u bi dritt li fuqhom hija bbażata.

Or. en

Emenda 1899
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Birgit Sippel, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Fir-rigward tal-kundizzjonijiet għad-detenzjoni, u l-garanziji applikabbli għal persuni taħt detenzjoni, sabiex jiġu żgurati l-proċeduri ta' trasferiment lejn l-Istat Membru responsabbli, għandhom japplikaw l-Artikoli 9, 10 u 11 tad-Direttiva XXX/XXX/UE [Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza].	5. Fir-rigward tal-kundizzjonijiet għad-detenzjoni, ***li għandhom jirrispettaw bis-sħiħ id-drittijiet fundamentali tal-persuna,*** u l-garanziji applikabbli għal persuni taħt detenzjoni, sabiex jiġu żgurati l-proċeduri ta' trasferiment lejn l-Istat Membru responsabbli, għandhom japplikaw l-Artikoli 9, 10 u 11 tad-Direttiva XXX/XXX/UE [Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza].

Or. en

Emenda 1900
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Fir-rigward tal-kundizzjonijiet għad-detenzjoni, u l-garanziji applikabbli għal persuni taħt detenzjoni, sabiex jiġu żgurati l-proċeduri ta' trasferiment lejn l-Istat Membru responsabbli, għandhom japplikaw l-Artikoli 9, 10 u 11 tad-Direttiva XXX/XXX/UE [Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza].	5. Fir-rigward tal-kundizzjonijiet għad-detenzjoni, ***li għandhom jirrispettaw bis-shiħ id-drittijiet fundamentali tal-persuna,*** u l-garanziji applikabbli għal persuni taħt detenzjoni, sabiex jiġu żgurati l-proċeduri ta' trasferiment lejn l-Istat Membru responsabbli, għandhom japplikaw l-Artikoli 9, 10 u 11 tad-Direttiva XXX/XXX/UE [Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza].

Or. en

Emenda 1901
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 35

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. en

Emenda 1902
Lukas Mandl

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. It-trasferiment ta' applikant jew ta' persuna oħra kif imsemmi fl-Artikolu 26(1)(b)(c) u (d), mill-Istat	1. It-trasferiment ta' applikant jew ta' persuna oħra kif imsemmi fl-Artikolu 26(1)(b)(c) u (d), mill-Istat

Membru rikjedenti jew li jinnotifika lejn l-Istat Membru responsabbli, għandu jkun eżegwit skont id-dritt nazzjonali tal-Istat Membru rikjedenti jew li jinnotifika, wara konsultazzjoni bejn l-Istati Membri kkonċernati, mill-aktar fis li jkun prattikament possibbli***, u mhux aktar tard minn sitt xhur mill-aċċettazzjoni tat-talba ta' teħid tar-responsabbiltà jew tal-konferma tan-notifika ta' teħid lura minn Stat Membru ieħor jew tad-deċiżjoni finali fuq appell jew reviżjoni ta' deċiżjoni ta' trasferiment fejn ikun hemm effett sospensiv skont l-Artikolu 33(3). Dan it-terminu jista' jiġi estiż sa massimu ta' sena jekk it-trasferiment ma setax isir minħabba priġunerija tal-persuna kkonċernata.***	Membru rikjedenti jew li jinnotifika lejn l-Istat Membru responsabbli, għandu jkun eżegwit skont id-dritt nazzjonali tal-Istat Membru rikjedenti jew li jinnotifika, wara konsultazzjoni bejn l-Istati Membri kkonċernati, mill-aktar fis li jkun prattikament possibbli.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Fil-passat, il-biċċa l-kbira tat-trasferimenti ma setgħux jiġu infurzati minħabba l-ħarba tal-applikanti u l-iskadenza ta' 6 xhur li twassal għal trasferiment tar-responsabbiltà. Il-migrazzjoni sekondarja hija problema ewlenija li ddgħajjef l-effettività tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil. Għalhekk, is-6 xhur għandhom jitħassru.

Emenda 1903
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. It-trasferiment ta' applikant ***jew ta' persuna oħra kif imsemmi fl-Artikolu 26(1)(b)(c) u (d),*** mill-Istat Membru rikjedenti ***jew li jinnotifika*** lejn l-Istat Membru responsabbli, għandu jkun eżegwit skont id-dritt nazzjonali tal-Istat Membru rikjedenti ***jew li jinnotifika***, wara konsultazzjoni bejn l-Istati Membri kkonċernati, mill-aktar fis li jkun prattikament possibbli, u mhux aktar tard minn sitt xhur mill-aċċettazzjoni ***tat-talba***	1. It-trasferiment ta' applikant mill-Istat Membru rikjedenti lejn l-Istat Membru responsabbli, għandu jkun eżegwit skont id-dritt nazzjonali tal-Istat Membru rikjedenti, wara konsultazzjoni bejn l-Istati Membri kkonċernati, mill-aktar fis li jkun prattikament possibbli, u mhux aktar tard minn sitt xhur mill-aċċettazzjoni ta' teħid tar-responsabbiltà jew ***tat-talba*** ta' teħid lura minn Stat Membru ieħor jew tad-deċiżjoni finali fuq appell jew reviżjoni ta'

ta' teħid tar-responsabbiltà jew ***tal-konferma tan-notifika*** ta' teħid lura minn Stat Membru ieħor jew tad-deċiżjoni finali fuq appell jew reviżjoni ta' deċiżjoni ta' trasferiment ***fejn ikun hemm effett sospensiv*** skont l-Artikolu 33(3). Dan it-terminu jista' jiġi estiż sa massimu ta' sena jekk it-trasferiment ma setax isir minħabba priġunerija tal-persuna kkonċernata.	deċiżjoni ta' trasferiment skont l-Artikolu 33(3). ***Fil-każ ta' talba ta' teħid tar-responsabbiltà biss,*** dan it-terminu jista' jiġi estiż sa massimu ta' sena jekk it-trasferiment ma setax isir minħabba priġunerija tal-persuna kkonċernata.

Or. en

Emenda 1904
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. It-trasferiment ta' applikant jew ta' persuna oħra kif imsemmi fl-Artikolu 26(1)(b)(c) u (d), mill-Istat Membru rikjedenti jew li jinnotifika lejn l-Istat Membru responsabbli, għandu jkun eżegwit skont id-dritt nazzjonali tal-Istat Membru rikjedenti jew li jinnotifika, wara konsultazzjoni bejn l-Istati Membri kkonċernati, mill-aktar fis li jkun prattikament possibbli, u mhux aktar tard minn ***sitt*** xhur mill-aċċettazzjoni tat-talba ta' teħid tar-responsabbiltà jew tal-konferma tan-notifika ta' teħid lura minn Stat Membru ieħor jew tad-deċiżjoni finali fuq appell jew reviżjoni ta' deċiżjoni ta' trasferiment fejn ikun hemm effett sospensiv skont l-Artikolu 33(3). Dan it-terminu jista' jiġi estiż sa massimu ta' sena jekk it-trasferiment ma setax isir minħabba priġunerija tal-persuna kkonċernata.	1. It-trasferiment ta' applikant jew ta' persuna oħra kif imsemmi fl-Artikolu 26(1)(b)(c) u (d), mill-Istat Membru rikjedenti jew li jinnotifika lejn l-Istat Membru responsabbli, għandu jkun eżegwit skont id-dritt nazzjonali tal-Istat Membru rikjedenti jew li jinnotifika, wara konsultazzjoni bejn l-Istati Membri kkonċernati, mill-aktar fis li jkun prattikament possibbli, u mhux aktar tard minn ***erba'*** xhur mill-aċċettazzjoni tat-talba ta' teħid tar-responsabbiltà jew tal-konferma tan-notifika ta' teħid lura minn Stat Membru ieħor jew tad-deċiżjoni finali fuq appell jew reviżjoni ta' deċiżjoni ta' trasferiment fejn ikun hemm effett sospensiv skont l-Artikolu 33(3)***, sakemm l-applikant ma jkunx ħarab***. Dan it-terminu jista' jiġi estiż sa massimu ta' sena jekk it-trasferiment ma setax isir minħabba priġunerija tal-persuna kkonċernata.

Or. en

Emenda 1905
Nicola Procaccini

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. It-trasferiment ta' applikant jew ta' persuna oħra kif imsemmi fl-Artikolu 26(1)(b)(c) u (d), mill-Istat Membru rikjedenti ***jew li jinnotifika*** lejn l-Istat Membru responsabbli, għandu jkun eżegwit skont id-dritt nazzjonali tal-Istat Membru rikjedenti ***jew li jinnotifika***, wara konsultazzjoni bejn l-Istati Membri kkonċernati, mill-aktar fis li jkun prattikament possibbli, u mhux aktar tard minn sitt xhur mill-aċċettazzjoni tat-talba ta' teħid tar-responsabbiltà jew ***tal-konferma tan-notifika*** ta' teħid lura minn Stat Membru ieħor jew tad-deċiżjoni finali fuq appell jew reviżjoni ta' deċiżjoni ta' trasferiment fejn ikun hemm effett sospensiv skont l-Artikolu 33(3). Dan it-terminu jista' jiġi estiż sa massimu ta' sena jekk it-trasferiment ma setax isir minħabba priġunerija tal-persuna kkonċernata.	1. It-trasferiment ta' applikant jew ta' persuna oħra kif imsemmi fl-Artikolu 26(1)(b)(c) u (d), mill-Istat Membru rikjedenti lejn l-Istat Membru responsabbli, għandu jkun eżegwit skont id-dritt nazzjonali tal-Istat Membru rikjedenti, wara konsultazzjoni bejn l-Istati Membri kkonċernati, mill-aktar fis li jkun prattikament possibbli, u mhux aktar tard minn sitt xhur mill-aċċettazzjoni tat-talba ta' teħid tar-responsabbiltà jew ***tat-talba*** ta' teħid lura minn Stat Membru ieħor jew tad-deċiżjoni finali fuq appell jew reviżjoni ta' deċiżjoni ta' trasferiment fejn ikun hemm effett sospensiv skont l-Artikolu 33(3). Dan it-terminu jista' jiġi estiż sa massimu ta' sena jekk it-trasferiment ma setax isir minħabba priġunerija tal-persuna kkonċernata.

Or. en

Emenda 1906
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. It-trasferiment ta' applikant jew ta' persuna oħra kif imsemmi fl-Artikolu 26(1)(b)***(c) u (d)***, mill-Istat Membru rikjedenti jew li jinnotifika lejn l-Istat Membru responsabbli, għandu jkun eżegwit skont id-dritt nazzjonali tal-Istat	1. It-trasferiment ta' applikant jew ta' persuna oħra kif imsemmi fl-Artikolu 26(1)(b), mill-Istat Membru rikjedenti jew li jinnotifika lejn l-Istat Membru responsabbli, għandu jkun eżegwit skont id-dritt nazzjonali tal-Istat

Membru rikjedenti jew li jinnotifika, wara konsultazzjoni bejn l-Istati Membri kkonċernati, mill-aktar fis li jkun prattikament possibbli, u mhux aktar tard minn sitt xhur mill-aċċettazzjoni tat-talba ta' teħid tar-responsabbiltà jew tal-konferma ***tan-notifika*** ta' teħid lura minn Stat Membru ieħor jew tad-deċiżjoni finali fuq appell jew reviżjoni ta' deċiżjoni ta' trasferiment fejn ikun hemm effett sospensiv skont l-Artikolu 33(3). Dan it-terminu jista' jiġi estiż sa massimu ta' sena jekk it-trasferiment ma setax isir minħabba priġunerija tal-persuna kkonċernata.	Membru rikjedenti jew li jinnotifika, wara konsultazzjoni bejn l-Istati Membri kkonċernati, mill-aktar fis li jkun prattikament possibbli, u mhux aktar tard minn sitt xhur mill-aċċettazzjoni tat-talba ta' teħid tar-responsabbiltà jew tal-konferma ***tat-talba*** ta' teħid lura minn Stat Membru ieħor jew tad-deċiżjoni finali fuq appell jew reviżjoni ta' deċiżjoni ta' trasferiment fejn ikun hemm effett sospensiv skont l-Artikolu 33(3). Dan it-terminu jista' jiġi estiż sa massimu ta' sena jekk it-trasferiment ma setax isir minħabba priġunerija tal-persuna kkonċernata ***għal finijiet kriminali***.

Or. en

Emenda 1907
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. It-trasferiment ta' applikant jew ta' persuna oħra kif imsemmi fl-Artikolu 26(1)(b)(c) u (d), mill-Istat Membru rikjedenti ***jew li jinnotifika*** lejn l-Istat Membru responsabbli, għandu jkun eżegwit skont id-dritt nazzjonali tal-Istat Membru rikjedenti ***jew li jinnotifika***, wara konsultazzjoni bejn l-Istati Membri kkonċernati, mill-aktar fis li jkun prattikament possibbli, u mhux aktar tard minn sitt xhur mill-aċċettazzjoni tat-talba ta' teħid tar-responsabbiltà ***jew tal-konferma tan-notifika ta' teħid lura*** minn Stat Membru ieħor jew tad-deċiżjoni finali fuq appell jew reviżjoni ta' deċiżjoni ta' trasferiment fejn ikun hemm effett sospensiv skont l-Artikolu 33(3). Dan it-terminu jista' jiġi estiż sa massimu ta' sena jekk it-trasferiment ma setax isir minħabba	1. It-trasferiment ta' applikant jew ta' persuna oħra kif imsemmi fl-Artikolu 26(1)(b)(c) u (d), mill-Istat Membru rikjedenti lejn l-Istat Membru responsabbli, għandu jkun eżegwit skont id-dritt nazzjonali tal-Istat Membru rikjedenti, wara konsultazzjoni bejn l-Istati Membri kkonċernati, mill-aktar fis li jkun prattikament possibbli, u mhux aktar tard minn sitt xhur mill-aċċettazzjoni tat-talba ta' teħid tar-responsabbiltà minn Stat Membru ieħor jew tad-deċiżjoni finali fuq appell jew reviżjoni ta' deċiżjoni ta' trasferiment fejn ikun hemm effett sospensiv skont l-Artikolu 33(3). ***Fil-każ ta' talba ta' teħid tar-responsabbiltà biss,*** dan it-terminu jista' jiġi estiż sa massimu ta' sena jekk it-trasferiment ma setax isir minħabba priġunerija tal-persuna

priġunerija tal-persuna kkonċernata.

kkonċernata.

Or. en

Emenda 1908
Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Għall-unika raġuni li tingħata kura medika jew li jingħata trattament mediku, b'mod partikolari rigward persuni b'diżabbiltà, anzjani, nisa tqal, minorenni u persuni li sfaw ittorturati, stuprati jew li sofrew forom serji oħra ta' vjolenza psikoloġika, fiżika u sesswali, l-Istat Membru ta' trasferiment għandu, diment li tkun disponibbli għall-awtorità kompetenti skont id-dritt nazzjonali, jibgħat lill-Istat Membru responsabbli l-informazzjoni dwar kwalunkwe bżonn ***speċjali*** tal-persuna li tkun se tiġi ttrasferita, li f'każijiet speċifiċi tista' tinkludi informazzjoni dwar l-istat ta' saħħa fiżika u mentali ta' dik il-persuna. Dik l-informazzjoni għandha tiġi trasferita f'ċertifikat tas-saħħa komuni bid-dokumenti meħtieġa mehmuża. L-Istat Membru responsabbli għandu jiżgura li dawk il-bżonnijiet ***speċjali*** huma indirizzati b'mod xieraq, inkluż b'mod partikolari kwalunkwe kura medika essenzjali li jista' jkun hemm bżonn.	1. Għall-unika raġuni li tingħata kura medika jew li jingħata trattament mediku, b'mod partikolari rigward persuni b'diżabbiltà, anzjani, nisa tqal, minorenni u persuni li sfaw ittorturati, stuprati jew li sofrew forom serji oħra ta' vjolenza psikoloġika, fiżika u sesswali, l-Istat Membru ta' trasferiment għandu, diment li tkun disponibbli għall-awtorità kompetenti skont id-dritt nazzjonali, jibgħat lill-Istat Membru responsabbli l-informazzjoni dwar kwalunkwe bżonn ***speċifiku*** tal-persuna li tkun se tiġi ttrasferita, li f'każijiet speċifiċi tista' tinkludi informazzjoni dwar l-istat ta' saħħa fiżika u mentali ta' dik il-persuna. Dik l-informazzjoni għandha tiġi trasferita f'ċertifikat tas-saħħa komuni bid-dokumenti meħtieġa mehmuża. L-Istat Membru responsabbli għandu jiżgura li dawk il-bżonnijiet ***speċifiċi*** huma indirizzati b'mod xieraq, inkluż b'mod partikolari kwalunkwe kura medika essenzjali li jista' jkun hemm bżonn.

Or. en

Emenda 1959
Jan-Christoph Oetjen, Sophia in 't Veld, Hilde Vautmans, Moritz Körner, Fabienne Keller, Abir Al-Sahlani

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tfassal iċ-ċertifikat tas-saħħa komuni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami stabbilita fl-Artikolu 67(2).	Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tfassal iċ-ċertifikat tas-saħħa ***u l-vulnerabbiltajiet*** komuni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami stabbilita fl-Artikolu 67(2).

Or. en

Emenda 1960
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istat Membru ta' trasferiment għandu jitrażmetti biss l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 lill-Istat Membru responsabbli wara li jkun kiseb il-kunsens espliċitu tal-applikant u/jew ***tar-rappreżentant*** tiegħu jew tagħha, jew, meta trażmissjoni bħal din tkun meħtieġa biex tipproteġi s-saħħa pubblika u s-sigurtà pubblika, jew, meta l-persuna konċernata tkun fiżikament jew legalment inkapaċi li tagħti l-kunsens tagħha, għall-protezzjoni tal-interessi vitali tal-persuna konċernata jew ta' persuna oħra. ***In-nuqqas ta' kunsens, inkluż riffjut ta' kunsens, ma għandux jikkostitwixxi ostakolu għat-trasferiment.***	2. L-Istat Membru ta' trasferiment għandu jitrażmetti biss l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 lill-Istat Membru responsabbli wara li jkun kiseb il-kunsens espliċitu tal-applikant u/jew ***tal-kustodju*** tiegħu jew tagħha, jew, meta trażmissjoni bħal din tkun meħtieġa biex tipproteġi s-saħħa pubblika u s-sigurtà pubblika, jew, meta l-persuna konċernata tkun fiżikament jew legalment inkapaċi li tagħti l-kunsens tagħha, għall-protezzjoni tal-interessi vitali tal-persuna konċernata jew ta' persuna oħra.

Or. en

Emenda 1961
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istat Membru ta' trasferiment għandu jitrażmetti biss l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 lill-Istat Membru responsabbli wara li jkun kiseb il-kunsens espliċitu tal-applikant u/jew tar-rappreżentant tiegħu jew tagħha, jew, meta trażmissjoni bħal din tkun meħtieġa biex tipproteġi s-saħħa pubblika u s-sigurtà pubblika, jew, meta l-persuna konċernata tkun fiżikament jew legalment inkapaċi li tagħti l-kunsens tagħha, għall-protezzjoni tal-interessi vitali tal-persuna konċernata jew ta' persuna oħra***. In-nuqqas ta' kunsens, inkluż rifjut ta' kunsens, ma għandux jikkostitwixxi ostakolu għat-trasferiment***.	2. L-Istat Membru ta' trasferiment għandu jitrażmetti biss l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 lill-Istat Membru responsabbli wara li jkun kiseb il-kunsens espliċitu tal-applikant u/jew tar-rappreżentant tiegħu jew tagħha, jew, meta trażmissjoni bħal din tkun meħtieġa biex tipproteġi s-saħħa pubblika u s-sigurtà pubblika, jew, meta l-persuna konċernata tkun fiżikament jew legalment inkapaċi li tagħti l-kunsens tagħha, għall-protezzjoni tal-interessi vitali tal-persuna konċernata jew ta' persuna oħra ***f'konformità mal-Artikolu 9(2)(h) tar-Regolament (UE) 2016/679***.

Or. en

Emenda 1962
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ***ta' implimentazzjoni***, tadotta kundizzjonijiet uniformi u arranġamenti prattiċi għall-iskambju tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami stabbilita fl-Artikolu 67(2).	5. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ***delegati***, tadotta kundizzjonijiet uniformi u arranġamenti prattiċi għall-iskambju tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami stabbilita fl-Artikolu 67(2).

Or. en

Emenda 1963
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta kundizzjonijiet uniformi u arranġamenti prattiċi għall-iskambju tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1***. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami stabbilita fl-Artikolu 67(2).***	5. ***Skont l-Artikolu 40a,*** il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta kondizzjonijiet uniformi u arranġamenti prattiċi għall-iskambju tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ***fis-sistema elettronika komuni u sigura ta' trażmissjoni u komunikazzjoni***.

Or. en

Emenda 1964
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Kull Stat*** Membru għandu jikkomunika ***lil kwalunkwe Stat*** Membru li jitlob***,*** tali data personali dwar il-persuna koperta mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament skont kif ikun ***xieraq, rilevanti*** u limitat ***għal dak li huwa neċessarju għal***:	1. ***L-Istat*** Membru ***determinanti*** għandu jikkomunika ***lill-Istat*** Membru ***responsabbli, u bil-maqlub,*** li jitlob tali data personali dwar il-persuna koperta mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament***,*** skont kif ikun ***neċessarju, proporzjonat*** u limitat ***għall-fini ta'***:

Or. en

Emenda 1965
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) dettalji personali tal-persuna kkonċernata, u, fejn ***xieraq***, tal-membri tal-familja tagħha, qraba jew relazzjonijiet familjari oħra (isem sħiħ u fejn ***xieraq***, isem preċedenti; ***laqmijiet jew psewdonimi***; nazzjonalita, preżenti u preċedenti; data u post tat-twelid);	(a) dettalji personali tal-persuna kkonċernata, u, fejn ***neċessarju u proporzjonat***, tal-membri tal-familja tagħha, qraba jew relazzjonijiet familjari oħra (isem sħiħ u fejn ***rilevanti***, isem preċedenti; nazzjonalita, preżenti u preċedenti; data u post tat-twelid);

Or. en

Emenda 1966
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) dokumenti tal-identità u tal-ivvjaġġar (referenzi, validità, data ta' ħruġ, awtorità tal-ħruġ, post tal-ħruġ***, eċċ.***);	(b) dokumenti tal-identità u tal-ivvjaġġar (referenzi, validità, data ta' ħruġ, awtorità tal-ħruġ, post tal-ħruġ);

Or. en

Emenda 1967
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) informazzjoni oħra meħtieġa biex tiġi stabbilita l-identità tal-persuna kkonċernata***, inkluż data bijometrika meħuda mill-applikant mill-Istat Membru, b'mod partikolari għall-finijiet tal-Artikolu 57(6) ta' dan ir-Regolament,***	(c) informazzjoni oħra meħtieġa biex tiġi stabbilita l-identità tal-persuna kkonċernata

f'konformità mar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament Eurodac];

Or. en

Emenda 1968
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) informazzjoni oħra meħtieġa biex tiġi stabbilita l-identità tal-persuna kkonċernata***, inkluż data bijometrika meħuda mill-applikant mill-Istat Membru, b'mod partikolari għall-finijiet tal-Artikolu 57(6) ta' dan ir-Regolament, f'konformità mar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament Eurodac]***;	(c) informazzjoni oħra meħtieġa biex tiġi stabbilita l-identità tal-persuna kkonċernata;

Or. en

Emenda 1969
Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) l-implimentazzjoni ta' deċiżjoni ta' ritorn.

Or. en

Emenda 1970
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) postijiet ta' residenza ***u rotot li tulhom sar il-vjaġġ;***	(d) postijiet ta' residenza

Or. en

Emenda 1971
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) postijiet ta' residenza ***u rotot li tulhom sar il-vjaġġ***;	(d) postijiet ta' residenza;

Or. en

Emenda 1972
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) post fejn l-applikazzjoni ***ġiet ippreżentata***;	(f) post fejn ***saret*** l-applikazzjoni;

Or. en

Emenda 1973
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 2 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) id-data li fiha kwalunkwe applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali preċedenti ***ġiet ippreżentata***, id-data li fiha l-applikazzjoni preżenti ġiet irreġistrata, l-istadju milħuq fil-proċedimenti u d-deċiżjoni meħuda, jekk hemm.	(g) id-data li fiha ***saret*** kwalunkwe applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali preċedenti, id-data li fiha l-applikazzjoni preżenti ġiet irreġistrata, l-istadju milħuq fil-proċedimenti u d-deċiżjoni meħuda, jekk hemm.

Or. en

Emenda 1974
Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 2 – punt ga (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(g a) Rekord kriminali

Or. en

Emenda 1975
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Diment li huwa meħtieġ għall-eżami tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, l-Istat Membru responsabbli jista' jitlob lil Stat Membru ieħor biex jgħarrfu dwar liema raġunijiet l-applikant qiegħed jibbaża l-applikazzjoni tiegħu jew tagħha u, fejn applikabbli, ir-raġunijiet għal kull deċiżjoni meħuda dwar l-applikant. ***L-Istat Membru l-ieħor jista' jirrifjuta li jwieġeb għat-talba sottomessa***	3. Diment li huwa meħtieġ għall-eżami tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, l-Istat Membru responsabbli jista' jitlob lil Stat Membru ieħor biex jgħarrfu dwar liema raġunijiet l-applikant qiegħed jibbaża l-applikazzjoni tiegħu jew tagħha u, fejn applikabbli, ir-raġunijiet għal kull deċiżjoni meħuda dwar l-applikant.

lilu, jekk il-komunikazzjoni ta' informazzjoni bħal din aktarx li tkun ta' ħsara għall-interessi essenzjali tiegħu jew għall-protezzjoni tal-libertajiet u tad-drittijiet fundamentali tal-persuna kkonċernata jew ta' oħrajn. F'kull każ, il-komunikazzjoni tal-informazzjoni mitluba għandha tkun soġġetta għall-approvazzjoni bil-miktub tal-applikant għall-protezzjoni internazzjonali, miksuba mill-Istat Membru rikjedenti. F'dak il-każ l-applikant irid ikun jaf għal liema informazzjoni speċifika qiegħed jagħti l-approvazzjoni tiegħu jew tagħha.

Or. en

Emenda 1976
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***Diment li huwa meħtieġ għall-eżami tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, l-Istat Membru responsabbli jista' jitlob lil Stat Membru ieħor biex jgħarrfu dwar liema raġunijiet l-applikant qiegħed jibbaża l-applikazzjoni tiegħu jew tagħha u, fejn applikabbli, ir-raġunijiet għal kull deċiżjoni meħuda dwar l-applikant. L-Istat*** Membru ***l-ieħor*** jista' jirrifjuta li jwieġeb għat-talba sottomessa lilu, jekk il-komunikazzjoni ta' informazzjoni bħal din aktarx li tkun ta' ħsara għall-interessi essenzjali tiegħu jew għall-protezzjoni tal-libertajiet u tad-drittijiet fundamentali tal-persuna kkonċernata jew ta' oħrajn. F'kull każ, il-komunikazzjoni tal-informazzjoni mitluba għandha tkun soġġetta għall-approvazzjoni bil-miktub tal-applikant għall-protezzjoni internazzjonali, miksuba mill-Istat Membru rikjedenti. F'dak il-każ l-applikant irid ikun jaf għal liema informazzjoni speċifika	3. ***Stat*** Membru jista' jirrifjuta li jwieġeb għat-talba ssottomessa lilu, jekk il-komunikazzjoni ta' informazzjoni bħal din aktarx tkun ta' ħsara għall-interessi essenzjali tiegħu jew għall-protezzjoni tal-libertajiet u drittijiet fundamentali tal-persuna kkonċernata jew ta' oħrajn. F'kull każ, il-komunikazzjoni tal-informazzjoni mitluba għandha tkun soġġetta għall-approvazzjoni bil-miktub tal-applikant għall-protezzjoni internazzjonali, miksuba mill-Istat Membru rikjedenti. F'dak il-każ l-applikant irid ikun jaf għal liema informazzjoni speċifika qiegħed jagħti l-approvazzjoni tiegħu jew tagħha.

qiegħed jagħti l-approvazzjoni tiegħu jew tagħha.

Or. en

Emenda 1977
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Diment li huwa meħtieġ għall-eżami tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, l-Istat Membru responsabbli jista' jitlob lil Stat Membru ieħor biex jgħarrfu dwar liema raġunijiet l-applikant qiegħed jibbaża l-applikazzjoni tiegħu jew tagħha u, fejn applikabbli, ir-raġunijiet għal kull deċiżjoni meħuda dwar l-applikant. L-Istat Membru l-ieħor jista' jirrifjuta li jwieġeb għat-talba sottomessa lilu, jekk il-komunikazzjoni ta' informazzjoni bħal din aktarx li tkun ta' ħsara ***għall-interessi essenzjali tiegħu jew*** għall-protezzjoni tal-libertajiet u tad-drittijiet fundamentali tal-persuna kkonċernata jew ta' oħrajn. F'kull każ, il-komunikazzjoni tal-informazzjoni mitluba għandha tkun soġġetta għall-approvazzjoni bil-miktub tal-applikant għall-protezzjoni internazzjonali, miksuba mill-Istat Membru rikjedenti. F'dak il-każ l-applikant irid ikun jaf għal liema informazzjoni speċifika qiegħed jagħti l-approvazzjoni tiegħu jew tagħha.	3. Diment li huwa meħtieġ għall-eżami tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, l-Istat Membru responsabbli jista' jitlob lil Stat Membru ieħor biex jgħarrfu dwar liema raġunijiet l-applikant qiegħed jibbaża l-applikazzjoni tiegħu jew tagħha u, fejn applikabbli, ir-raġunijiet għal kull deċiżjoni meħuda dwar l-applikant. L-Istat Membru l-ieħor jista' jirrifjuta li jwieġeb għat-talba sottomessa lilu, jekk il-komunikazzjoni ta' informazzjoni bħal din aktarx li tkun ta' ħsara għall-protezzjoni tal-libertajiet u tad-drittijiet fundamentali tal-persuna kkonċernata jew ta' oħrajn. F'kull każ, il-komunikazzjoni tal-informazzjoni mitluba għandha tkun soġġetta għall-approvazzjoni bil-miktub tal-applikant għall-protezzjoni internazzjonali, miksuba mill-Istat Membru rikjedenti. F'dak il-każ l-applikant irid ikun jaf għal liema informazzjoni speċifika qiegħed jagħti l-approvazzjoni tiegħu jew tagħha.

Or. en

Emenda 1978
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Kull talba għal informazzjoni għandha tintbagħat biss fil-kuntest ta' applikazzjoni individwali għall-protezzjoni internazzjonali jew għat-trasferiment għall-finijiet ta' rilokazzjoni. Hija għandha tiddikjara r-raġunijiet li fuqhom hija bbażata u, fejn l-għan tagħha huwa li tikkontrolla jekk hemmx kriterju li aktarx jinvolvi r-responsabbiltà tal-Istat Membru rikjest, għandha tiddikjara fuq liema evidenza***, inkluża informazzjoni rilevanti minn sorsi ta' min jorbot fuqhom dwar il-metodi u l-mezzi li bihom l-applikanti jidħlu fit-territorji tal-Istati Membri,*** jew dwar liema parti speċifika u verifikabbli tad-dikjarazzjonijiet tal-applikant tkun ibbażata. Tali informazzjoni rilevanti minn sorsi ta' min jorbot fuqhom mhijiex fiha nnifisha suffiċjenti biex tiddetermina r-responsabbiltà u l-kompetenza ta' Stat Membru taħt dan ir-Regolament, iżda tista' tikkontribwixxi għall-evalwazzjoni ta' indikazzjonijiet oħrajn relatati mal-applikant individwali.	4. Kull talba għal informazzjoni għandha tintbagħat biss fil-kuntest ta' applikazzjoni individwali għall-protezzjoni internazzjonali jew għat-trasferiment għall-finijiet ta' rilokazzjoni. Hija għandha tiddikjara r-raġunijiet li fuqhom hija bbażata u, fejn l-għan tagħha huwa li tikkontrolla jekk hemmx kriterju li aktarx jinvolvi r-responsabbiltà tal-Istat Membru rikjest, għandha tiddikjara fuq liema evidenza jew dwar liema parti speċifika u verifikabbli tad-dikjarazzjonijiet tal-applikant tkun ibbażata. Tali informazzjoni rilevanti minn sorsi ta' min jorbot fuqhom mhijiex fiha nnifisha suffiċjenti biex tiddetermina r-responsabbiltà u l-kompetenza ta' Stat Membru taħt dan ir-Regolament, iżda tista' tikkontribwixxi għall-evalwazzjoni ta' indikazzjonijiet oħrajn relatati mal-applikant individwali.

Or. en

Emenda 1979
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Kull talba għal informazzjoni għandha tintbagħat biss fil-kuntest ta' applikazzjoni individwali għall-protezzjoni internazzjonali jew għat-trasferiment għall-finijiet ta' rilokazzjoni. Hija għandha tiddikjara r-raġunijiet li fuqhom hija	4. Kull talba għal informazzjoni għandha tintbagħat biss fil-kuntest ta' applikazzjoni individwali għall-protezzjoni internazzjonali jew għat-trasferiment għall-finijiet ta' rilokazzjoni. Hija għandha tiddikjara r-raġunijiet li fuqhom hija

bbażata u, fejn l-għan tagħha huwa li tikkontrolla jekk hemmx kriterju li aktarx jinvolvi r-responsabbiltà tal-Istat Membru rikjest, għandha tiddikjara fuq liema evidenza, ***inkluża informazzjoni rilevanti minn sorsi ta' min jorbot fuqhom dwar il-metodi u l-mezzi li bihom l-applikanti jidħlu fit-territorji tal-Istati Membri,*** jew dwar liema parti speċifika u verifikabbli tad-dikjarazzjonijiet tal-applikant tkun ibbażata Tali informazzjoni rilevanti minn sorsi ta' min jorbot fuqhom mhijiex fiha nnifisha suffiċjenti biex tiddetermina r-responsabbiltà u l-kompetenza ta' Stat Membru taħt dan ir-Regolament, iżda tista' tikkontribwixxi għall-evalwazzjoni ta' indikazzjonijiet oħrajn relatati mal-applikant individwali.	bbażata u, fejn l-għan tagħha huwa li tikkontrolla jekk hemmx kriterju li aktarx jinvolvi r-responsabbiltà tal-Istat Membru rikjest, għandha tiddikjara fuq liema evidenza, jew dwar liema parti speċifika u verifikabbli tad-dikjarazzjonijiet tal-applikant tkun ibbażata Tali informazzjoni rilevanti minn sorsi ta' min jorbot fuqhom mhijiex fiha nnifisha suffiċjenti biex tiddetermina r-responsabbiltà u l-kompetenza ta' Stat Membru taħt dan ir-Regolament, iżda tista' tikkontribwixxi għall-evalwazzjoni ta' indikazzjonijiet oħrajn relatati mal-applikant individwali.
	Or. en

Emenda 1980
Nicola Procaccini

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Istat Membru rikjest għandu jkun obbligat iwieġeb fi żmien ***tliet*** ġimgħat. Kull dewmien biex iwieġeb għandu jkun iġġustifikat b'mod xieraq. Nuqqas ta' konformità mat-terminu ta' ***tliet*** gimgħat ma għandux jeħles lill-Istat Membru rikjest mill-obbligu li jagħti tweġiba. Jekk ir-riċerka mwettqa mill-Istat Membru rikjest li ma rrispettax it-terminu massimu taħbi informazzjoni li turi li huwa responsabbli, dak l-Istat Membru ma jistax jinvoka l-iskadenza tat-termini previsti fl-Artikolu 29 bħala raġuni għar-rifjut tal-konformità ma' talba għal teħid tar-responsabbiltà. F'dak il-każ, it-termini previsti fl-Artikolu 29 għall-preżentazzjoni ta' talba għal teħid tar-responsabbiltà għandha tiġi estiża b'perjodu ta' żmien	5. L-Istat Membru rikjest għandu jkun obbligat iwieġeb fi żmien ***ħames*** ġimgħat. Kull dewmien biex iwieġeb għandu jkun iġġustifikat b'mod xieraq. Nuqqas ta' konformità mat-terminu ta' ***ħames*** gimgħat ma għandux jeħles lill-Istat Membru rikjest mill-obbligu li jagħti tweġiba. Jekk ir-riċerka mwettqa mill-Istat Membru rikjest li ma rrispettax it-terminu massimu taħbi informazzjoni li turi li huwa responsabbli, dak l-Istat Membru ma jistax jinvoka l-iskadenza tat-termini previsti fl-Artikolu 29 bħala raġuni għar-rifjut tal-konformità ma' talba għal teħid tar-responsabbiltà. F'dak il-każ, it-termini previsti fl-Artikolu 29 għall-preżentazzjoni ta' talba għal teħid tar-responsabbiltà għandha tiġi estiża b'perjodu ta' żmien

ekwivalenti għad-dewmien biex tingħata t-tweġiba mill-Istat Membru rikjest.	ekwivalenti għad-dewmien biex tingħata t-tweġiba mill-Istat Membru rikjest.

Or. en

Emenda 1981
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. F'kull Stat Membru kkonċernat, għandu jinżamm rekord, fil-fajl individwali għall-persuna kkonċernata jew f'reġistru, tat-trażmissjoni u l-wasla ta' informazzjoni skambjata.	9. F'kull Stat Membru kkonċernat, għandu jinżamm rekord, fil-fajl individwali għall-persuna kkonċernata jew f'reġistru, tat-trażmissjoni u l-wasla ta' informazzjoni skambjata. ***Għandhom jiġu żgurati s-sigurtà u l-kunfidenzjalità ta' dan ir-rekord.***

Or. en

Emenda 1982
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 40a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 40a
	Sistema elettronika komuni u sigura ta' trażmissjoni u komunikazzjoni
	1. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi "sistema elettronika komuni u sigura ta' trażmissjoni u komunikazzjoni" fil-livell Ewropew bejn l-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 41(1) u bejn dawk l-awtoritajiet u l-Aġenzija għall-Ażil għat-trażmissjoni ta' informazzjoni relatata mal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

In-network ta' komunikazzjoni elettronika "DubliNet" stabbilit skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 1560/2003 għandu jintuża bħala bażi għas-sistema elettronika komuni u sigura ta' trażmissjoni u komunikazzjoni u għandu jiġi aġġornat kif xieraq. L-EU-LISA għandha tkun responsabbli għat-tħejjija, l-iżvilupp u l-ġestjoni operazzjonali ta' din is-sistema, għall-interoperabbiltà tagħha ma' sistemi oħra u għall-infrastruttura ta' komunikazzjoni bejn is-sistema ċentrali u l-infrastrutturi nazzjonali. Mill-approprjazzjonijiet baġitarji għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, għandha tiġi żgurata allokazzjoni xierqa għall-EU-LISA biex jitlesta dan il-kompitu.

2. L-Istati Membri għandhom jużaw is-sistema elettronika komuni u sigura ta' trażmissjoni u komunikazzjoni biex jiskambjaw kwalunkwe tip ta' informazzjoni rilevanti għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, inkluża data bijometrika meħuda f'konformità mar-Regolament (UE) XXX/XXX [Regolament Eurodac], talbiet, notifiki, tweġibiet u l-korrispondenza kollha miktuba u biex jiġi żgurat li l-mittenti jirċievu awtomatikament prova elettronika tal-bgħit.

3. Is-sistema elettronika komuni u sigura ta' trażmissjoni u komunikazzjoni għandu jkollha mezzi differenti għal kull tip ta' informazzjoni li tirrikjedi regoli differenti f'termini ta' aċċess, kundizzjonijiet ta' skambju, kunfidenzjalità, jew kwalunkwe speċifiċità oħra. B'mod partikolari, għandhom jinħolqu kanali differenti għall-finijiet tal-Artikoli 37, 38, 39 u 40.

4. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri u l-korpi u l-Aġenziji tal-Unjoni, kif ukoll kwalunkwe attur involut fl-ipproċessar tad-data personali tal-applikanti għandhom japplikaw ir-Regolament (UE) 2016/679 [Regolament

Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data].

5. L-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-ewwel paragrafu għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 67(2), mhux aktar tard minn erba' xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 1983
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bla dewmien dwar l-awtoritajiet speċifiċi responsabbli biex jissodisfaw obbligi li jirriżultaw minn dan ir-Regolament, u kull emenda għalihom. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawk l-awtoritajiet ikollhom ir-riżorsi meħtieġa biex jeżegwixxu l-kompiti tagħhom u b'mod partikolari biex iwieġbu sal-iskadenzi preskritti għal talbiet għal informazzjoni, talbiet għat-teħid tar-responsabbiltà, notifiki ta' teħid lura u, jekk applikabbli, konformità mal-obbligi tagħhom skont il-Kapitoli I-III tal-Parti IV.	1. Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bla dewmien dwar l-awtoritajiet speċifiċi responsabbli biex jissodisfaw obbligi li jirriżultaw minn dan ir-Regolament, u kull emenda għalihom***, u dwar is-sehem tal-kompetenzi bejn awtoritajiet differenti fi Stat Membru fejn applikabbli***. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawk l-awtoritajiet ikollhom ir-riżorsi ***umani, materjali u finanzjarji*** meħtieġa biex jeżegwixxu l-kompiti tagħhom u b'mod partikolari biex ***japplikaw il-proċeduri għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli b'mod rapidu u effiċjenti, filwaqt li jiġu salvagwardjati d-drittijiet proċedurali u fundamentali tal-applikanti,*** iwieġbu sal-iskadenzi preskritti għal talbiet għal informazzjoni, talbiet għat-teħid tar-responsabbiltà, notifiki ta' teħid lura u, jekk applikabbli, konformità mal-obbligi tagħhom skont il-Kapitoli I-III tal-Parti IV.

Or. en

Emenda 1984
Nicola Procaccini

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bla dewmien dwar l-awtoritajiet speċifiċi responsabbli biex jissodisfaw obbligi li jirriżultaw minn dan ir-Regolament, u kull emenda għalihom. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawk l-awtoritajiet ikollhom ir-riżorsi meħtieġa biex jeżegwixxu l-kompiti tagħhom u b'mod partikolari biex iwieġbu sal-iskadenzi preskritti għal talbiet għal informazzjoni, talbiet għat-teħid tar-responsabbiltà, ***notifiki*** ta' teħid lura u, jekk applikabbli, konformità mal-obbligi tagħhom skont il-Kapitoli I-III tal-Parti IV.	1. Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bla dewmien dwar l-awtoritajiet speċifiċi responsabbli biex jissodisfaw obbligi li jirriżultaw minn dan ir-Regolament, u kull emenda għalihom. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawk l-awtoritajiet ikollhom ir-riżorsi meħtieġa biex jeżegwixxu l-kompiti tagħhom u b'mod partikolari biex iwieġbu sal-iskadenzi preskritti għal talbiet għal informazzjoni, talbiet għat-teħid tar-responsabbiltà, ***talbiet*** ta' teħid lura u, jekk applikabbli, konformità mal-obbligi tagħhom skont il-Kapitoli I-III tal-Parti IV.

Or. en

Emenda 1985
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bla dewmien dwar l-awtoritajiet speċifiċi responsabbli biex jissodisfaw obbligi li jirriżultaw minn dan ir-Regolament, u kull emenda għalihom. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawk l-awtoritajiet ikollhom ir-riżorsi meħtieġa biex jeżegwixxu l-kompiti tagħhom u b'mod partikolari biex iwieġbu sal-iskadenzi preskritti għal talbiet għal informazzjoni, talbiet għat-teħid tar-responsabbiltà***, notifiki*** ta' teħid lura u, jekk applikabbli, konformità mal-obbligi	1. Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bla dewmien dwar l-awtoritajiet speċifiċi responsabbli biex jissodisfaw obbligi li jirriżultaw minn dan ir-Regolament, u kull emenda għalihom. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawk l-awtoritajiet ikollhom ir-riżorsi meħtieġa biex jeżegwixxu l-kompiti tagħhom u b'mod partikolari biex iwieġbu sal-iskadenzi preskritti għal talbiet għal informazzjoni, talbiet għat-teħid tar-responsabbiltà ***jew*** ta' teħid lura u, jekk applikabbli, konformità mal-obbligi

tagħhom skont il-Kapitoli I-III tal-Parti IV.	tagħhom skont il-Kapitoli I-III tal-Parti IV.

Or. en

Emenda 1986
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bla dewmien dwar l-awtoritajiet speċifiċi responsabbli biex jissodisfaw obbligi li jirriżultaw minn dan ir-Regolament, u kull emenda għalihom. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawk l-awtoritajiet ikollhom ir-riżorsi meħtieġa biex jeżegwixxu l-kompiti tagħhom u b'mod partikolari biex iwieġbu sal-iskadenzi preskritti għal talbiet għal informazzjoni, talbiet għat-teħid tar-responsabbiltà***, notifiki*** ta' teħid lura u, jekk applikabbli, konformità mal-obbligi tagħhom skont il-Kapitoli I-III tal-Parti IV.	1. Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bla dewmien dwar l-awtoritajiet speċifiċi responsabbli biex jissodisfaw obbligi li jirriżultaw minn dan ir-Regolament, u kull emenda għalihom. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawk l-awtoritajiet ikollhom ir-riżorsi meħtieġa biex jeżegwixxu l-kompiti tagħhom u b'mod partikolari biex iwieġbu sal-iskadenzi preskritti għal talbiet għal informazzjoni, talbiet għat-teħid tar-responsabbiltà ***jew*** ta' teħid lura u, jekk applikabbli, konformità mal-obbligi tagħhom skont il-Kapitoli I-III tal-Parti IV.

Or. en

Emenda 1987
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet imsemmija fil-paragarafu 1 ***għandhom*** jirċievu ***t-taħriġ neċessarju*** fir-rigward tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.	3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet imsemmija fil-paragarafu 1 jirċievu ***kontinwament ir-riżorsi umani li għandhom il-kwalifiki, it-taħriġ, l-għarfien espert u l-indipendenza neċessarji*** fir-rigward tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. ***B'mod partikolari, l-***

	awtoritajiet għandhom jirċievu persunal xieraq biex jieħdu ħsieb l-applikanti bi bżonnijiet speċifiċi. Meta Stat Membru jitlob dan, il-Kummissjoni għandha tassisti lill-awtoritajiet kompetenti fl-ippjanar tal-allokazzjoni tal-persunal, bil-għan li tiżgura l-applikazzjoni tar-Regolament preżenti u kundizzjonijiet ekwi fl-Istati Membri kollha.

Or. en

Emenda 1988
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. ***Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi kanali ta' trażmissjoni elettronika sikuri bejn*** l-awtoritajiet ***li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 1 u bejn dawk l-awtoritajiet u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil għat-trażmissjoni ta' informazzjoni, data bijometrika meħuda*** skont ***ir-Regolament (UE) XXX/XXX [Regolament Eurodac], talbiet, notifiki, tweġibiet u l-korrispondenza kollha miktuba u biex jiġi żgurat li l-mittenti jirċievu awtomatikament prova elettronika tal-bgħit. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 67(2).***	4. ***F'sitwazzjoni ta' żieda sinifikanti fl-ammont ta' xogħol ta' dawk*** l-awtoritajiet***, l-Istati Membri għandhom jipprovdu persunal addizzjonali, biex ikomplu jikkonformaw mal-obbligi tagħhom*** skont ***dan ir-Regolament.***
	L-Istati Membri għandhom ifittxu wkoll l-appoġġ mill-korpi, mill-uffiċċji u mill-aġenziji tal-Unjoni, mill-organizzazzjonijiet internazzjonali u mill-organizzazzjonijiet mhux governattivi.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-parti mħassra tiġi trasferita għall-Artikolu 40a.

Emenda 1989
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi kanali ta' trażmissjoni elettronika sikuri bejn l-awtoritajiet li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 1 u bejn dawk l-awtoritajiet u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil għat-trażmissjoni ta' informazzjoni, data bijometrika meħuda skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [Regolament Eurodac], talbiet, ***notifiki,*** tweġibiet u l-korrispondenza kollha miktuba u biex jiġi żgurat li l-mittenti jirċievu awtomatikament prova elettronika tal-bgħit. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 67(2).	4. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi kanali ta' trażmissjoni elettronika sikuri bejn l-awtoritajiet li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 1 u bejn dawk l-awtoritajiet u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil għat-trażmissjoni ta' informazzjoni, data bijometrika meħuda skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [Regolament Eurodac], talbiet, tweġibiet u l-korrispondenza kollha miktuba u biex jiġi żgurat li l-mittenti jirċievu awtomatikament prova elettronika tal-bgħit. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 67(2).

Or. en

Emenda 1990
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi kanali ta' trażmissjoni elettronika sikuri bejn l-awtoritajiet li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 1 u bejn dawk l-awtoritajiet u l-Aġenzija tal-Unjoni	4. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi kanali ta' trażmissjoni elettronika sikuri bejn l-awtoritajiet li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 1 u bejn dawk l-awtoritajiet u l-Aġenzija tal-Unjoni

Ewropea għall-Ażil għat-trażmissjoni ta' informazzjoni, data bijometrika meħuda skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [Regolament Eurodac], talbiet, ***notifiki,*** tweġibiet u l-korrispondenza kollha miktuba u biex jiġi żgurat li l-mittenti jirċievu awtomatikament prova elettronika tal-bgħit. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 67(2).	Ewropea għall-Ażil għat-trażmissjoni ta' informazzjoni, data bijometrika meħuda skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [Regolament Eurodac], talbiet, tweġibiet u l-korrispondenza kollha miktuba u biex jiġi żgurat li l-mittenti jirċievu awtomatikament prova elettronika tal-bgħit. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 67(2).

Or. en

Emenda 1991
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 42 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ***kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà magħmula skont il-Kapitoli I-III tal-Parti IV.***	(c) ***rilokazzjoni;***

Or. en

Emenda 1992
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 42 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) kontribuzzjonijiet ***ta' solidarjetà*** magħmula skont il-Kapitoli I-III tal-Parti IV.	(c) kontribuzzjonijiet ***volontarji*** magħmula skont il-Kapitoli I-III tal-Parti IV.

Or. en

Emenda 1993

Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 42 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	B'deroga, tali arranġamenti amministrattivi għandhom jibqgħu barra mill-għan u l-kamp ta' applikazzjoni tas-sistema elettronika komuni u sigura ta' trażmissjoni u komunikazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 40a.

Or. en

Emenda 1994
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 42 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Qabel il-konklużjoni jew l-emenda ta' kwalunkwe arranġament imsemmi fil-paragrafu 1(b), l-Istati Membri kkonċernati għandhom jikkonsultaw mal-Kummissjoni dwar il-kompatibbiltà tal-arranġament ma' dan ir-Regolament.	3. Qabel il-konklużjoni jew l-emenda ta' kwalunkwe arranġament imsemmi fil-paragrafu 1(b), l-Istati Membri kkonċernati għandhom jikkonsultaw mal-Kummissjoni dwar il-kompatibbiltà tal-arranġament ma' dan ir-Regolament ***u ma' dispożizzjonijiet rilevanti oħra tad-Dritt tal-UE, inkluża l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali***.

Or. en

Emenda 1995
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 42 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Jekk il-Kummissjoni tikkunsidra li l-arranġamenti li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 1(b) huma inkompatibbli ma' dan ir-Regolament, hija għandha, f'perjodu raġonevoli, tinnotifika lill-Istati Membri kkonċernati. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi adatti kollha biex jemendaw l-arranġament ikkonċernat fi żmien raġonevli b'tali mod li jeliminaw kwalunkwe inkompatibbiltà li tirriżulta.	4. Jekk il-Kummissjoni tikkunsidra li l-arranġamenti li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 1(b) huma inkompatibbli ma' dan ir-Regolament***, u ma' kwalunkwe dispożizzjoni rilevanti oħra tad-Dritt tal-UE inkluża l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali***, hija għandha, f'perjodu raġonevoli, tinnotifika lill-Istati Membri kkonċernati. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi adatti kollha biex jemendaw l-arranġament ikkonċernat fi żmien raġonevli b'tali mod li jeliminaw kwalunkwe inkompatibbiltà li tirriżulta.

Or. en

Emenda 1996
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 43 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Aġenzija ***għall-Asil*** għandha tistabbilixxi u tiffaċilita l-attivitajiet ta' network tal-awtoritajiet kompetenti li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 41(1), bl-għan li ttejjeb il-kooperazzjoni prattika u l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-kwistjonijiet kollha relatati mal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, inkluż l-iżvilupp ta' għodod prattiċi u gwida.	L-Aġenzija ***għall-Ażil*** għandha tistabbilixxi u tiffaċilita l-attivitajiet ta' network tal-awtoritajiet kompetenti li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 41(1), bl-għan li ttejjeb il-kooperazzjoni prattika u l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-kwistjonijiet kollha relatati mal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, inkluż l-iżvilupp ta' għodod prattiċi u gwida***, ittejjeb il-konverġenza fl-applikazzjoni tar-Regolament u fil-prattiki, kif ukoll tibni kultura komuni fil-livell Ewropew bejn aġenti minn awtoritajiet kompetenti, fil-livell nazzjonali kif ukoll Ewropew***.

Or. en

Emenda 1997
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 43 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Dan in-network jista' jkun strutturat f'diversi formazzjonijiet, magħmula minn aġenti f'livelli differenti tal-ġerarkija, sabiex jappoġġa l-kooperazzjoni u l-konverġenza minn attivitajiet operazzjonali għal livell ogħla ta' teħid tad-deċiżjonijiet u responsabbiltà. Il-laqgħat ta' dawn il-formazzjonijiet għandhom jiġu organizzati b'mod regolari, kemm jitqies li jkun neċessarju u mill-inqas kull xahar.

Or. en

Emenda 1998
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 43 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Uffiċċji, korpi jew aġenziji rilevanti oħra tal-Unjoni jistgħu jipparteċipaw ukoll f'dan in-network.

Or. en

Emenda 1999
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sabiex jiġi ffaċilitat il-funzjonament tajjeb tal-mekkaniżmi stabbiliti skont dan ir-Regolament u sabiex jiġu riżolti d-diffikultajiet fl-applikazzjoni tagħhom, fejn żewġ Stati Membri jew aktar jiltaqgħu ma' diffikultajiet fil-kooperazzjoni tagħhom skont dan ir-Regolament jew fl-applikazzjoni tiegħu bejniethom, l-Istati Membri kkonċernati għandhom, fuq talba ta' wieħed jew aktar minnhom, jagħmlu konsultazzjonijiet mingħajr dewmien bil-għan li jinstabu soluzzjonijiet xierqa fi żmien ***raġonevoli***, f'konformità mal-prinċipju ta' kooperazzjoni ***sinċiera***.	1. Sabiex jiġi ffaċilitat il-funzjonament tajjeb tal-mekkaniżmi stabbiliti skont dan ir-Regolament u sabiex jiġu riżolti d-diffikultajiet fl-applikazzjoni tagħhom, fejn żewġ Stati Membri jew aktar jiltaqgħu ma' diffikultajiet fil-kooperazzjoni tagħhom skont dan ir-Regolament jew fl-applikazzjoni tiegħu bejniethom, l-Istati Membri kkonċernati għandhom, fuq talba ta' wieħed jew aktar minnhom ***jew tal-Kummissjoni***, jagħmlu konsultazzjonijiet mingħajr dewmien bil-għan li jinstabu soluzzjonijiet xierqa fi żmien ***erba' ġimgħat mit-talba***, f'konformità mal-prinċipju ta' kooperazzjoni ***leali***. ***Jekk id-diffikultajiet jikkonċernaw l-implimentazzjoni tal-Parti IV ta' dan ir-Regolament, il-Koordinatur ta' Rilokazzjoni tal-UE għandu jiġi mistieden biex jattendi dawn il-konsultazzjonijiet.***

Or. en

Emenda 2000
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fejn ma tinstab l-ebda soluzzjoni skont il-paragrafu 1 jew fejn id-diffikultajiet jippersistu, ***Stat Membru wieħed jew aktar ikkonċernati jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni biex*** tagħmel konsultazzjonijiet mal-Istati Membri kkonċernati bil-għan li jinstabu soluzzjonijiet xierqa. Il-Kummissjoni għandha tagħmel konsultazzjonijiet bħal dawn ***mingħajr dewmien***. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jipparteċipaw b'mod attiv fil-konsultazzjonijiet u, flimkien mal-Kummissjoni, għandhom	2. Fejn ma tinstab l-ebda soluzzjoni skont il-paragrafu 1 jew fejn id-diffikultajiet jippersistu, ***il-Kummissjoni għandha*** tagħmel konsultazzjonijiet mal-Istati Membri kkonċernati bil-għan li jinstabu soluzzjonijiet xierqa. Il-Kummissjoni għandha tagħmel konsultazzjonijiet bħal dawn ***fi żmien erba' ġimgħat mit-talba***. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jipparteċipaw b'mod attiv fil-konsultazzjonijiet u, flimkien mal-Kummissjoni, għandhom jieħdu l-miżuri kollha xierqa biex isolvu l-

jieħdu l-miżuri kollha xierqa biex isolvu l-kwistjoni minnufih. Il-Kummissjoni tista' tadotta rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Istati Membri kkonċernati li jindikaw il-miżuri li għandhom jittieħdu u l-iskadenzi xierqa.

kwistjoni minnufih. Il-Kummissjoni***, kif xieraq, f'konsultazzjoni mal-Koordinatur ta' Rilokazzjoni tal-UE,*** tista' tadotta rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Istati Membri kkonċernati li jindikaw il-miżuri li għandhom jittieħdu u l-iskadenzi xierqa.

Or. en